

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 266



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 60

11 ta' Awwissu 2017

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĞENZJJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Parlament Ewropew

2017/C 266/01

Rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja — Taqsima I: Parlament Ewropew — Sena finanzjarja
2016

1

MT

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-PARLAMENT EWROPEW

RAPPORT DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA U FINANZJARJA

TAQSIMA I: PARLAMENT EWROPEW

SENA FINANZJARJA 2016

(2017/C 266/01)

WERREJ

	Paġna
INTRODUZZJONI	4
I. ĠESTJONI FINANZJARJA: RIMARKI ĠENERALI	4
A. Baġit inizjali u baġits emendantorji	6
B. Impenji u pagamenti	6
C. Riporti mill-2016 għall-2017	7
D. Użu tar-riporti mill-2015 għall-2016	7
E. Dħul	8
F. Appoprjazzjonijiet minn dħul assenjat	9
G. Kanċellazzjonijiet ta' appoprjazzjonijiet kurrenti	10
H. Trasferimenti	10
II. ĠESTJONI FINANZJARJA GĦAL KULL KAPITOLU	11
A. Kapitolu 1 0 “Membri tal-Istituzzjoni”	14
B. Kapitolu 1 2 “Ufficijali u persunal temporanju”	16
C. Kapitolu 1 4 “Persunal ieħor u servizzi esterni”	17
D. Kapitolu 1 6 “Infiq ieħor relatat mal-persuni li jaħdmu fl-istituzzjoni”	19
E. Kapitolu 2 0 “Bini u nefqet relatati”	20
F. Kapitolu 2 1 “Proċessar ta' data, tagħmir u għamara”	21
G. Kapitolu 2 3 “In-nefqa amministrattiva kurrenti”	22
H. Kapitolu 3 0 “Laqgħat u konferenzi”	23
I. Kapitolu 3 2 “L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwistar, arkivjar, produzzjoni u disseminazzjoni”	23
J. Kapitolu 4 0 “Nefqa relatata ma' ċerti istituzzjonijiet u ma' ċerti korpi”	25

	Paġna
K. Kapitolu 4 2 “Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari”	26
L. Kapitolu 4 4 “Laqgħat u attivitajiet oħra tal-Membri Parlamentari attwali u tal-ex Membri”	26
M. Titolu 10 “Infiq ieħor”	26
III. L-OBJETTIVI TAL-2016 U R-RIŻULTATI	27
A. Tisħiħ tas-sigurtà tal-istituzzjoni	27
A.1. Tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-awtoritatijiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet l-oħra	27
A.2. Proġett iPACS	27
A.3. Miżuri maħsuba biex isaħħu s-sigurtà tal-bini tal-Parlament	28
A.4. Internalizzazzjoni tax-xufiera	28
B. Tisħiħ tal-ħidma tal-Parlament u tal-Membri tiegħu bil-għan li jittlesta ċ-ċiklu leġiżlattiv	28
B.1. Riċerka u ġestjoni tal-għarfien	28
B.2. Appoġġ tal-prioritajiet politiċi	29
B.3. Politiki interni	29
B.4. Politiki esterni	30
B.5. Titjib tas-servizzi relatati mas-seduta plenarja u forniment ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni lill-Membri fl-uffiċċji fil-kostitwenzi tagħhom	31
C. Komunikazzjoni u akkoljenza tal-viżitaturi	31
C.1. Djalogu mal-Media u l-Partijiet Ikkonċernati	31
C.2. Il-Programm tal-Iskejjel Ambaxxaturi tal-Parlament Ewropew	32
C.3. Il-proġetti għall-viżitaturi	32
C.4. Avvenimenti u wirjet	32
C.5. Il-Premju LUX, il-Premju Sakharov u l-Premju taċ-Ċittadin Ewropew	33
C.6. AskEP	33
C.7. Attivitajiet oħra	33
D. Tkompliċja tal-implementazzjoni tal-programmi pluriennali għar-razzjonalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tas-setturi ta' qofol fl-amministrazzjoni tal-Parlament	34
D.1. Politika immobiljari	34
D.2. Politika ambjentali	36
D.3. Politika dwar il-forniment tal-ikel	37
D.4. Modernizzazzjoni tat-teknoloġiji ta' informazzjoni	38
E. Miżuri oħra ta' modernizzazzjoni	38
E.1. Ġestjoni finanzjarja u baġitarja	38
E.2. Titjib tas-servizzi għall-Membri: Il-Portal għall-Membri u l-e-Portal	39
E.3. Ġestjoni tar-riżorsi umani	39
E.4. Infiq relatat mal-assistenza parlamentari	39
F. L-impatt tal-vot favur Brexit	40
G. L-evoluzzjoni strutturali kumplessiva tas-Segretarjat Ġeneral (gruppi politiċi inklużi)	40
IV. LISTA TA' TABELLI U GRAFIKA	43

Paġna

ANNESSI

Anness I -	Rendikont tat-trasferimenti "C" matul is-sena finanzjarja 2016	45
Anness II -	Rendikont tat-trasferimenti "P" matul is-sena finanzjarja 2016	48
Anness III -	Implimentazzjoni tal-appoprjazzjonijiet matul l-2016	53
Anness IV -	Implimentazzjoni tal-appoprjazzjonijiet riportati awtomatikament mis-sena preċedenti	60
Anness V -	Implimentazzjoni tal-appoprjazzjonijiet minn dħul assenjat intern	65
Anness VI -	Sitwazzjoni tad-Dħul fl-2016	70

INTRODUZZJONI

1. Dan ir-rapport janalizza l-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Parlament Ewropew għas-sena finanzjarja 2016. Jiddeskrivi l-użu tar-riżorsi finanzjarji kif ukoll l-avvenimenti li kellhom influwenza sinifikanti fuq l-aktivitajiet tas-sena finanzjarja (il-Partijiet I u II) u jagħti rendikont fil-qosor tar-riżultati li nkisbu fir-rigward tal-objettivi stabbiliti għas-sena 2016 (il-Parti III).
2. Ir-rapport tfassal bi qbil mal-Artikolu 142 tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002⁽¹⁾, minn hawn il-quddiem “ir-Regolament Finanzjarju”, u mal-Artikolu 227 tar-Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni⁽²⁾. L-analiżi hija bbażata fuq il-kontijiet baġitarji provviżorji stabbiliti mill-Uffiċjal tal-Kontabilità.

I. ĠESTJONI FINANZJARJA: RIMARKI ĠENERALI

3. L-appoprjazzjonijiet finali tal-Parlament għall-2016 b'kollo ammontaw għal EUR 1 838 613 983, jiġifieri 19,39 % tal-Intestatura V tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali⁽³⁾. It-Tabella 1 ta’ hawn taħt tipprovd rendikont fil-qosor tal-implementazzjoni tal-baġit tal-Parlament Ewropew matul is-sena finanzjarja 2016.

Tabella 1

Użu tal-appoprjazzjonijiet

Tip ta' appoprjazzjoni	Appoprjazzjonijiet fl-2016 (EUR jew %)	Appoprjazzjonijiet fl-2015 (EUR jew %)	Varjazzjoni 2016/2015
Appoprjazzjonijiet			
Appoprjazzjonijiet inizjali	1 838 388 600	1 794 929 112	2,4 %
Appoprjazzjonijiet finali	1 838 613 983	1 794 929 112	2,4 %
Implimentazzjoni kurrenti			
Impenji	1 823 844 172	1 778 822 039	2,5 %
Bħala % tal-appoprjazzjonijiet finali	99,2 %	99,1 %	—
Pagamenti	1 538 531 527	1 489 498 132	3,3 %
Bħala % tal-impenji	84,4 %	83,7 %	—
Riporti għas-sena suċċessiva			
Riporti awtomatiċi għas-sena suċċessiva ⁽¹⁾	285 312 645	289 323 907	- 1,4 %
Bħala % tal-appoprjazzjonijiet finali	15,5 %	16,1 %	—
Bħala % tal-impenji	15,6 %	16,3 %	—
Kanċellazzjonijiet			
Appoprjazzjonijiet ikkanċellati	14 769 811	16 107 073	- 8,3 %
Bħala % tal-appoprjazzjonijiet finali	0,8 %	0,9 %	—

⁽¹⁾ ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884).

Tip ta' appropjazzjoni	Appropjazzjonijiet fl-2016 (EUR jew %)	Appropjazzjonijiet fl-2015 (EUR jew %)	Varjazzjoni 2016/2015
Riporti mis-sena preċedenti			
Riporti awtomatiċi mis-sena preċedenti	289 323 907	277 911 825	4,1 %
Pagamenti li jikkorrispondu għal dawn ir-riporti	267 999 422	252 596 214	6,1 %
Bħala % tar-riporti	92,6 %	90,9 %	—
Ammont ikkanċellat	21 324 484	25 315 611	- 15,8 %
Riporti mhux awtomatiċi mis-sena preċedenti ⁽²⁾	0	0	—
Pagamenti li jikkorrispondu għal dawn ir-riporti	0	0	—
Bħala % tar-riporti	—	—	—
Appropjazzjonijiet minn dħul assenjat għas-sena			
Appropjazzjonijiet minn dħul assenjat għas-sena	30 589 787	27 988 590	9,3 %
Impenji	12 032 487	15 089 101	- 20,3 %
bħala % tal-appropjazzjonijiet minn dħul assenjat	39,3 %	53,9 %	—
Pagamenti	7 602 676	12 541 209	- 39,4 %
bħala % tal-impenji li jirriżultaw minn dħul assenjat	63,2 %	83,1 %	—
Riport tal-appropjazzjonijiet disponibbli għas-sena suċċessiva	18 557 300	12 899 489	43,9 %
Riport tal-impenji minn dħul assenjat għas-sena suċċessiva	4 429 811	2 547 892	73,9 %
Appropjazzjonijiet minn dħul assenjat intern ⁽³⁾ riportat mis-sena preċedenti			
Appropjazzjonijiet baġitarji minn dħul assenjat riportat mis-sena preċedenti	10 340 256	7 548 902	37,0 %
Impenji	10 262 584	7 278 034	41,0 %
bħala % tal-appropjazzjonijiet minn dħul assenjat riportat	99,2 %	96,4 %	—
Pagamenti	8 103 899	6 277 308	29,1 %
bħala % tal-impenji	79,0 %	86,3 %	—
Kanċellazzjonijiet	77 672	270 869	- 71,3 %
Riport tal-impenji minn dħul assenjat għas-sena suċċessiva	2 158 685	1 000 725	115,7 %
Appropjazzjonijiet baġitarji minn dħul assenjat estern ⁽⁴⁾ u intern li jirriżulta minn ħlasijiet ta' kera ⁽⁵⁾ riportati mis-sena preċedenti			
Appropjazzjonijiet baġitarji minn dħul assenjat riportat mis-sena preċedenti	89 092 723	89 075 525	0,0 %
Impenji	86 379 995	88 439 036	- 2,3 %

Tip ta' appoprjazzjoni	Appoprjazzjonijiet fl-2016 (EUR jew %)	Appoprjazzjonijiet fl-2015 (EUR jew %)	Varjazzjoni 2016/2015
Bħala % tal-appoprjazzjonijiet minn dħul assenja riportat	97,0 %	99,3 %	—
Pagamenti	74 715 743	2 542 036	- 81,7 %
Bħala % tal-impenji	86,5 %	2,9 %	—
Riport tal-appoprjazzjonijiet disponibbli għas-sena suċċessiva	2 712 728	636 490	326,2 %
Riport tal-impenji minn dħul assenja għas-sena suċċessiva	11 664 253	85 897 000	0,0 %
Impenji minn dħul assenja riportat mis-sena preċedenti			
Impenji minn dħul assenja riportat mis-sena preċedenti	3 622 290	9 452 722	- 61,7 %
Pagamenti	3 245 897	7 352 200	- 55,9 %
Bħala % tal-impenji	89,6 %	77,8 %	—
Riport tal-impenji minn dħul assenja riportat għas-sena suċċessiva (dħul li jirriżulta minn ħlasijiet ta' kera)	73 673	73 673	0,0 %
Kanċellazzjonijiet ta' impenji baġitarji	302 720	2 026 849	- 85,1 %

(¹) L-Artikoli 13(1) u 13(4) tar-Regolament Finanzjarju.

(²) L-Artikoli 13(1), 13(2)(a) u 13(5) tar-Regolament Finanzjarju.

(³) Bl-eċċezzjoni tad-dħul assenja intern id-definit fl-Artikolu 21(3)(g) tar-Regolament Finanzjarju — id-dħul li jirriżulta minn ħlasijiet ta' kera. Skont l-Artikolu 14(b) tar-Regolament Finanzjarju, dan id-dħul jiġi riportat awtomatikament minflok jiġi riportat għal sena waħda biss.

(⁴) L-Artikolu 14(a) tar-Regolament Finanzjarju.

(⁵) L-Artikoli 14(b) u 21(3)(g) tar-Regolament Finanzjarju.

A. Baġit inizjali u baġits emendatorji

4. L-appoprjazzjonijiet inizjali fil-baġit tal-Parlament għall-2016 ammontaw għal EUR 1 838 388 600. Wara li ġie adottat baġit emendatorju (⁴) ta' EUR 225 383, l-appoprjazzjonijiet totali fil-baġit finali għall-2016 kienu ta' EUR 1 838 613 983. Dan irrappreżenta żieda ta' 2,4 % fuq il-baġit finali tal-2015 (EUR 1 794 929 112).

B. Impenji u pagamenti

5. L-impenji b'kollox ammontaw għal EUR 1 823 844 172, li jirrappreżentaw 99,2 % tal-appoprjazzjonijiet finali (2015: 99,1 %). Il-pagamenti b'kollox ammontaw għal EUR 1 538 531 527, jiġifieri 84,4 % tal-impenji li ttieħdu (2015: 83,7 %).

(⁴) Il-baġit emendatorju kien jikkonċerna l-ħolqien ta' 35 pożizzjoni fil-pjan ta' stabbiliment, relatati mas-sigurtà.

C. Riporti mill-2016 għall-2017

6. Ir-riporti awtomatiċi għas-sena finanzjarja 2017 b'kollox ammontaw għal EUR 285 312 645, li jirrappreżentaw 15,6 % tat-total tal-appropriazzjonijiet impenjati (2015: 16,3 %). Ma sar l-ebda riport mhux awtomatiku ta' appropriazzjonijiet għas-sena finanzjarja 2017 skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Finanzjarju.

D. Użu tar-riporti mill-2015 għall-2016

7. Ir-riporti awtomatiċi għall-2016 b'kollox ammontaw għal EUR 289 323 907 (2015: EUR 277 911 825). Il-pagamenti li jikkorrispondu għal dawk ir-riporti kienu ta' EUR 267 999 422, jiġifieri 92,6 % (2015: 90,9 %). B'hekk l-appropriazzjonijiet ikkanċellati b'kollox ammontaw għal EUR 21 324 484, jiġifieri tnaqqis ta' 15,8 % meta mqabbla ma' dawk tal-2015 (EUR 25 315 611). Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-kanċellazzjonijiet kienu jikkorrispondu għall-artikoli li ġejjin: l-Artikolu 2 0 0 "Bini", l-Artikolu 1 0 0 "Salarji u allowances", l-Artikolu 2 0 2 "In-nefqa fuq il-bini", l-Artikolu 3 2 4 "Produzzjoni u Tixrid", l-Artikolu 4 0 2 "Finanzjament tal-Partiti Politiċi Ewropej" u l-Artikolu 4 0 3 "Finanzjament tal-fondazzjonijiet Politiċi Ewropej". Il-kanċellazzjonijiet li jikkorrispondu għal dawn is-sitt artikoli jirrappreżentaw 82 % tal-ammont totali kkanċellat.

8. L-ammonti kkanċellati u r-raġunijiet ewlenin għal dawn il-kanċellazzjonijiet qed jiġu ppreżentati fit-Tabella 2.

Tabella 2

Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjonijiet tal-riporti awtomatiċi mill-2015 għall-2016

Artikolu	Kanċellazzjoni	Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjonijiet	(EUR)
Artikolu 2 0 0 "Bini"	4 600 151	<p>Partita 2 0 0 5 "Il-kostruzzjoni ta' bini": ġew ikkanċellati EUR 2,38 miljun prinċipalment minħabba dewmien fix-xogħlijiet fil-bini differenti u fatturi ta' ammont aktar baxx milli kien mistenni. Fir-rigward tal-Bini Havel, xogħlijiet addizzjonali relatati mas-sigurtà rriżultaw f'dewmien, li implika li wħud mill-appropriazzjonijiet riportati ma setgħux jintużaw.</p> <p>Partita 2 0 0 7 "Sistemazzjoni fil-bini": ġew ikkanċellati EUR 1,71 miljun minħabba r-riżorsi li ġew iffrankati b'rīzultat tal-ottimizzazzjoni tax-xogħlijiet, fatturi finali ta' ammont aktar baxx jew li waslu aktar tard milli kien mistenni, xogħlijiet li ma tlestewx u xogħlijiet li ma sarux.</p>	
Artikolu 1 0 0 "Salarji u allowances"	4 105 585	<p>Partita 1 0 0 4 "Spejjeż għall-vjaġġi regolari": kanċellazzjoni ta' EUR 3,51 miljun. Ġeneralment, parti kbira mill-applikazzjonijiet għal rimborż jiġu ppreżentati mill-Membri matul is-sena finanzjarja li ssegwi dik meta effettivament isiru l-vjaġġi peress li l-Membri jistgħu jippreżentaw applikazzjonijiet għal rimborż sal-31 ta' Ottubru tas-sena finanzjarja suċċessiva. Kull sena, jiġu riportati appropriazzjonijiet biex ikopru dak l-infiq abbażi ta' stimi statistiċi. Fl-aħħar mill-aħħar, l-infiq effettiv kien ferm anqas mill-istimi.</p> <p>Partita 1 0 0 5 "Spejjeż oħra għall-vjaġġi": kanċellazzjoni ta' EUR 0,60 miljun. Il-Partita 1 0 0 5 tirrigwarda l-vjaġġi addizzjonali u l-vjaġġi fil-pajjiż ta' elezzjoni. Il-Membri jistgħu jippreżentaw applikazzjonijiet sal-31 ta' Ottubru tas-sena finanzjarja li ssegwi dik meta effettivament isiru l-vjaġġi. Ġie assenjat ammont sinifikanti għal dan fil-baġit. Irriżulta li l-infiq kien anqas importanti milli kien previst.</p>	

(EUR)

Artikolu	Kanċellazzjoni	Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjonijiet
Artikolu 2 0 2 “In-nefqa fuq il-bini”	3 166 128	<p>Partita 2 0 2 2 “Manutenzjoni, żamma, operat u tindif tal-bini”: kanċellazzjoni ta’ EUR 2,56 miljun. Princípalment, din il-kanċellazzjoni hija dovuta għar-riżorsi li ġew iffrankati b'riżultat tal-ottimizzazzjoni, il-volumi ta’ xogħol u servizzi li kienu inferjur iċċall-penali.</p> <p>Partita 2 0 2 4 “Konsum tal-enerġija”: kanċellazzjoni ta’ EUR 0,37 miljun. Ir-raġuni għal din il-kanċellazzjoni kienet li kellu jiġi previst marġni suffiċċenti sabiex ikopri s-sitwazzjonijiet b’konsum għoli ħafna tal-enerġija. Kien diffiċċi li l-approprazjonijiet li kellhom jiġu riportati jiġu kalkulati b’mod preċiż, peress li l-fatturazzjoni annwali kienet għadha ma tlestitx fil-mument tar-riport.</p>
Artikolu 3 2 4 “Produzzjoni u tixrid”	2 728 260	<p>Partita 3 2 4 7 “Id-Dar tal-Istorja Ewropea”: kanċellazzjoni ta’ EUR 1,16-il miljun. Ir-raġuni għalfejn l-approprazjonijiet ma ntużawwx kienet id-dewmien fix-xogħliljet u l-posponiment sussegwenti tal-ftuħ ta’ Dar l-Istorja Ewropea.</p> <p>Partita 3 2 4 4 “L-Organizzazzjoni u l-ospitalità ta’ grupp ta’ viżitaturi, il-programm Euroscola u stedinet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi”: il-kanċellazzjoni ta’ EUR 0,61 miljun kienet fil-biċċa l-kbira dovuta għall-kanċellazzjonijiet tal-gruppi ta’ viżitaturi minħabba l-attakki terroristiċi fi Brussell u Pariġi.</p>
Artikolu 4 0 2 “Finanzjament tal-Partiti Politiċi Ewropej”	1 850 686	L-ghotjet finali lill-partiti politiċi Ewropej jiġu deċiżi mill-Bureau wara tmiem is-sena finanzjarja abbażi tar-rapporti finali tal-partiti. Il-kanċellazzjonijiet kienu dovuti għall-fatt li diversi partiti ddikjaraw li nefqu anqas mill-ammont massimu permess bħala nfiq eliġibbli.
Artikolu 4 0 3 “Finanzjament tal-fondazzjonijiet Politiċi Ewropej”	1 050 927	L-ghotjet finali lill-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jiġu deċiżi mill-Bureau wara tmiem is-sena finanzjarja abbażi tar-rapporti finali tal-fondazzjonijiet. Il-kanċellazzjonijiet kienu dovuti għall-fatt li diversi fondazzjonijiet ddikjaraw li nefqu anqas mill-ammont massimu permess bħala nfiq eliġibbli.

E. Dħul

9. Id-dħul totali fil-kontijiet sal-31 ta’ Diċembru 2016 kien ta’ EUR 183 381 513 (2015: EUR 176 367 724), inklużi EUR 30 589 787 bħala dħul assenjat (2015: 27 988 590).
10. Fit-Tabella 3 nsibu analiżi, għal kull kapitolu, tal-evoluzzjoni tad-dħul mill-2015 għall-2016.

Tabella 3

Evoluzzjoni tad-dħul mill-2014 għal 2016

(EUR)

Kapitolu	Intestatura	2016	2015	Differenza	Varjazzjoni 2016/2015
4 0	Taxxi u tnaqqis varji	82 251 089	79 427 275	2 823 814	4 %

(EUR)					
Kapitolu	Intestatura	2016	2015	Differenza	Varjazzjoni 2016/2015
4 1	Kontribuzzjonijiet għall-iskema tal-pensjonijiet	68 455 454	67 797 490	657 964	1 %
Titolu 4 — Taxxi u tnaqqis varji		150 706 543	147 224 765	3 481 778	2 %
5 0	Rikavat mill-bejgħ tal-proprietà mobbli (forniment ta' oġġetti) u immobbli	189 447 ⁽¹⁾	81 397	108 050	133 %
5 1	Rikavat minn kirjet	2 989 324 ⁽¹⁾	2 824 279	165 045	6 %
5 2	Dħul minn investimenti jew self mogħiġti, imgħax bankarju u mgħax ieħor	23 473	216 417	- 192 944	- 89 %
5 5	Dħul li ġej mill-forniment ta' servizzi u minn xogħlilijiet	5 542 356 ⁽¹⁾	6 286 413	- 744 057	- 12 %
5 7	Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet oħra marbuta mal-ħidma amministrattiva tal-istituzzjoni	7 173 581 ⁽¹⁾	6 768 495	405 086	6 %
5 8	Ħlasijiet varji	217 498 ⁽¹⁾	179 793	37 705	21 %
Titolu 5 — Dħul mill-operat amministrattiv tal-istituzzjoni		16 135 679	16 356 793	- 221 114	- 1 %
Titolu 6 — Kontribuzzjonijiet u rifużjonijiet fil-qafas tal-ftehim u tal-programmi tal-unjoni		14 477 581 ⁽¹⁾	11 848 214	2 629 367	22 %
Titolu 9 — Dħul varju		2 061 711	937 952	1 123 759	120 %
	Total	183 381 513	176 367 724	7 013 789	4 %

(¹) Dħul assenjat.

F. Appoprjazzjonijiet minn dħul assenjat

11. Id-dħul assenjat li tqiegħed għad-dispożizzjoni fl-2016 b'kollox ammonta għal EUR 30 589 787 (2015: EUR 27 988 590). L-impenji b'kollox ammontaw għal EUR 12 032 487, jiġifieri rata ta' impenn ta' 39 % (2015: 54 %). Il-pagamenti b'kollox ammontaw għal EUR 7 602 676, li jirrappreżentaw 63 % tal-impenji li ttieħdu (2015: 83 %).
12. L-appoprjazzjonijiet minn dħul assenjat riportati għall-2016 jinkludu l-pagament ta' EUR 85 897 000 li l-Istat Belġjan għamel fis-27 ta' Jannar 2010, biex ikopri l-ispejjeż għall-art fejn jinsabu l-Binjet D4 u D5 u l-ispejjeż ta' żvilupp tas-saqaf li jagħti fuq l-istazzjon ferrovjarju ta' Bruxelles-Luxembourg. Dan il-pagament jikkostitwixxi dħul assenjat estern skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2) tar-Regolament Finanzjarju. Il-biċċa l-kbira tal-impenji fir-rigward ta' dan id-dħul tikkonċċera x-xiri tal-Bini MARTENS, bi qbil mad-Deċiżjoni tal-Bureau tat-30 ta' Novembru 2011. Fl-2016, il-pagamenti li saru fir-rigward ta' dan il-proġetti ta' b'kollox ammontaw għal EUR 74 250 579.

G. Kanċellazzjonijiet ta' appoprjazzjonijiet kurrenti

13. Ġiet ikkanċellata s-somma ta' EUR 14 769 811 (2015: EUR 16 107 073), li tirrappreżenta 0,8 % mill-appoprjazzjonijiet finali (2015:0,9 %), Ir-raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjonijiet qed jiġu ppreżentati fit-tabella ta' hawn taħt:

Tabella 4

Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjonijiet ta' appoprjazzjonijiet kurrenti fl-2016

Arti-kolu	Intestatura	Ammont ik-kanċellat (EUR)	Bħala % tat-total ikkanċellat	% kanċellazzjoni/arti-kolu	Raġuni ewlenija għall-kanċellazzjoni
1 2 0	Remunerazzjoni u drittijiet oħra	2 868 116	19	0,5	Din hija kanċellazzjoni teknika li tikkorrispondi għaż-żewġ partiti 1 2 0 0 u 1 2 0 2, peress li tirrappreżenta parti żgħira ferma (0,5 %) tal-appoprjazzjonijiet totali.
2 0 2	In-nefqa fuq il-bini	1 551 383	11	1,8	Essenzjalment, din hija kanċellazzjoni teknika li tikkorrispondi għal diversi partiti.
3 2 4	Produzzjoni u Tixrid	1 358 410	9	1,5	Essenzjalment, din hija kanċellazzjoni teknika li tikkorrispondi għal diversi partiti.
3 2 0	Akkwist tal-opinjoni tal-eserti	986 617	7	13,2	Din il-kanċellazzjoni hija dovuta prinċipalment għall-marġnijiet li rriżultaw minħabba lfatt li l-ibbaġitjar tal-għar-fien espert sar fuq diversi kumitat.
2 1 0	L-informatika u t-telekomunikazzjonijiet	910 247	6	0,8	Essenzjalment, din hija kanċellazzjoni teknika li tikkorrispondi għal diversi partiti.

H. Trasferimenti

Tabella 5

Trasferimenti skont il-bażi ġuridika

Numru ta' trasferimenti	Ammont ittrasferit (EUR)	Bħala % tal-appoprjazzjonijiet finali
-------------------------	--------------------------	---------------------------------------

Trasferimenti C (Artikoli 27 u 46 Reg. Fin.)

7 trasferimenti C	66 655 000	3,6
li minnhom trasferimenti ta' tlaqqit	53 500 000	2,9

Trasferimenti P (Artikolu 25(1) Reg. Fin.)

16-il trasferiment P fuq appoprjazzjonijiet kurrenti	18 233 548	1,0
23 trasferiment C+P fuq appoprjazzjonijiet kurrenti	84 888 548	4,6

14. Matul is-sena finanzjarja, ġew approvati seba' trasferimenti C (inkluż it-trasferiment imsejjaħ "ta' tlaqqit") bi qbil mal-Artikoli 27 u 46 tar-Regolament Finanzjarju. B'kolloġġ dawn ammontaw għal EUR 66 655 000, li jikkostitwixxu 3,6 % tal-appropriazzjonijiet finali (fl-2015: saru sitt trasferimenti li rrappreżentaw 4,6 % tal-appropriazzjonijiet finali). Il-President awtorizza 16-il trasferiment P fuq appropriazzjonijiet kurrenti skont l-Artikolu 25(1) tar-Regolament Finanzjarju (⁵), li koprew total ta' EUR 18 233 548, jiġifieri 1,0 % tal-appropriazzjonijiet finali (fl-2015: saru seba' trasferimenti li rrappreżentaw 0,4 % tal-appropriazzjonijiet finali).

Tabella 6

Analiżi tat-trasferimenti C skont il-kategorija ta' nfiq u skont l-objettiv

Kategorija ta' nfiq destinarja tat-trasferiment	Skop	Trasferiment ⁽¹⁾	Ammont it-trasferit (EUR)	Bħala % tal-ammonti ttrasferiti
Politika immobiljari	Proġett Bini KAD	C8	53 500 000	80,3
	Politika immobiljari — Total		53 500 000	80,3
	Trasport ta' Membri	C1	205 000	0,3
Membri	Allowances Tranżitorji	C5	230 000	0,3
	Indiċjar tas-salarji u l-pensjonijiet tad-didżabilità	C7 ⁽²⁾	1 450 000	2,2
	Membri — Total		1 885 000	2,8
Amministrazzjoni	Forniment ta' rinfreski waqt il-lagħħat	C3	750 000	1,1
	Proġetti relatati mas-sigurtà (sistemazzjoni fil-bini)	C4	5 500 000	8,3
	Nefqa fuq l-interpretazzjoni	C6/C7 ⁽³⁾	3 520 000	5,3
	Indiċjar tar-remunerazzjonijiet u l-allo-wances (personal)	C7	1 500 000	2,3
	Amministrazzjoni — Total		11 270 000	16,9
	Total		66 655 000	100,0

⁽¹⁾ L-abbozz ta' trasferiment C2 ġie kkanċellat u ma ġiex ippreżentat lill-Kumitat għall-Baġiġts.

⁽²⁾ It-trasferiment C7 kelli skopijiet differenti; l-ammont totali tiegħu (EUR 3 170 000) jinsab imqassam skont il-kategorija ta' nfiq f'din it-tabella.

⁽³⁾ Inklużi t-trasferiment C6 (EUR 3 300 000) u sehem mit-trasferiment C7 (EUR 220 000).

II. ĠESTJONI FINANZJARJA GĦAL KULL KAPITOLU

15. Din it-taqṣima tippreżenta l-użu tal-appropriazzjonijiet għal kull kapitolu baġitarju, is-sehem relattiv tagħhom fi ħdan il-baġit kumplessiv u l-evoluzzjoni fl-użu tagħhom waqt is-sena finanzjarja preċedenti. Erba' kapitol waħedhom jirrapreżentaw 70 % tal-impenji kollha kemm huma. Dawn kienu l-Kapitolu 10 "Membri tal-Istutuzzjoni", il-Kapitolu 12 "Uffiċċiali u personal temporanju", il-Kapitolu 20 "Bini u nefqiet relatati" u l-Kapitolu 42 "Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari".

⁽⁵⁾ Deċiżjoni meħuda mill-istituzzjoni biex tipproċedi għat-trasferimenti ta' appropriazzjonijiet fi ħdan artikolu.

16. Fit-Tabella 7 nsibu ppreżentata, għal kull kapitolu, l-evoluzzjoni tal-appropriazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015. Il-Grafika 1 u l-Grafika 2 jservu ta' illustrazzjoni tal-ishma relattivi u l-evoluzzjoni mill-2014 għall-2015.

*Tabella 7***Evoluzzjoni tal-appropriazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015**


						(EUR)
Kapitolu	Intestatura	2016	2015	Differenza	Varjazzjoni 2016/2015	
1 0	Membri tal-Istittuzzjoni	203 367 219	213 915 852	- 10 548 633	- 5 %	
1 2	Ufficijali u persunal temporanji	625 820 200	597 484 150	28 336 050	5 %	
1 4	Persunal ieħor u servizzi esterni	125 551 151	116 618 310	8 932 841	8 %	
1 6	Infiq ieħor relatati mal-persuni li jaħdmu fl-istittuzzjoni	14 441 490	17 535 481	- 3 093 991	- 18 %	
Titolu 1 — Persuni li jaħdmu mal-Istizzjoni		969 180 059	945 553 793	23 626 266	2 %	
2 0	Bini u nefqiet relatati	251 599 697	265 369 143	- 13 769 447	- 5 %	
2 1	Proċessar ta' data, tagħmir u għamara	152 828 726	136 912 387	15 916 339	12 %	
2 3	In-nefqa amministrattiva kurrenti	4 430 838	4 458 475	- 27 637	- 1 %	
Titolu 2 — Bini, għamara, tagħmir u nefqiet varji għall-operat amministrativi		408 859 260	406 740 005	2 119 255	1 %	
3 0	Laqgħat u konferenzi	33 038 898	31 170 192	1 868 705	6 %	
3 2	L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwistar, arkivjar, produzzjoni u disseminazzjoni	107 988 646	107 799 775	188 871	0 %	
Titolu 3 — In-nefqa ġenerali għall-operat amministrativi tal-istittuzzjoni		141 027 543	138 969 967	2 057 577	1 %	
4 0	Nefqa relatata ma' ċerti istituzzjonijiet u ma' ċerti korpi (¹)	109 952 171	102 924 578	7 027 593	7 %	
4 2	Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari	194 405 139	184 233 696	10 171 443	6 %	

Kapitolu	Intestatura	2016	2015	Differenza	(EUR) Varjazzjoni 2016/2015
4 4	Laqħat u attivitajiet oħra tal-Membri parlamentari attwali u tal-ex Membri	420 000	400 000	20 000	5 %
Titolu: 4 — Nefqa li tirriżulta minn funzjonijiet speċjali li jsiru mill-istituzjoni		304 777 310	287 558 274	17 219 036	6 %
Titolu: 10 — Infiq ieħor		0	0	0	
	Total	1 823 844 172	1 778 822 039	45 022 133	3 %

(¹) Tirrigwarda l-infiq relataż mal-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati, kif ukoll l-ghotjet konċessi lill-Partiti Politiċi Ewropej u l-Fondazzjonijiet Politiċi Ewropej.


Grafika 1

Tqassim tal-impenji tal-2016 għal kull kapitolu



Grafika 2

Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015, għal kull kapitolu



A. Kapitolu 10 “Membri tal-Istituzzjoni”

Tabella 8

Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 10

Partita	Intestatura	Sehem fl-2016			Differenza	Varjazzjoni 2016/2015
			2016	2015		
1 0 0 0	Salarji	36 %	73 871 419	71 860 134	2 011 285	3 %
1 0 0 4	Spejjeż għall-vjaġġi regolari	33 %	66 290 000	71 418 750	- 5 128 750	- 7 %
1 0 0 5	Spejjeż oħra għall-vjaġġi	3 %	6 150 000	5 550 000	600 000	11 %
1 0 0 6	[Allowance għall-ispejjeż ġenerali]	19 %	38 937 488	38 754 451	183 037	0 %
1 0 2 0	Allowances Tranżitorji	1 %	1 725 886	9 544 350	- 7 818 464	- 82 %
1 0 3 0	Pensjonijiet tal-irtirar (PEAM)	5 %	10 521 344	10 675 654	- 154 309	- 1 %
Oħrajn	Oħrajn	3 %	5 871 082	6 112 514	- 241 432	- 4 %
Kapitolu 10 — Membri tal-Istituzzjoni		100 %	203 367 219	213 915 852	- 10 548 633	- 5 %

17. Is-salarju gross ta' Membru jikkorrispondi għal 38,5 % tas-salarju bażiku ta' mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej⁽⁶⁾. Ir-raġuni ewlenija għaż-żieda fl-impenji li jikkorrispondu għall-Partita 1 0 0 0 bejn l-2015 u l-2016 hija l-aġġustament tal-pagi bi 3,3 %, b'effett retroattiv mill-1 ta' Lulju 2016. Is-salarju gross fix-xahar ta' Membru żidied għal EUR 8 484 (EUR 8 213 bejn l-1 ta' Lulju 2015 u t-30 ta' Ġunju 2016). Għax-xhur bejn Lulju 2016 u Diċembru 2016, b'kollox tħallas ammont ta' EUR 199 190 b'mod retroattiv.
18. Kemm it-tnaqqis tal-impenji li jikkorrispondu għall-Partita 1 0 0 4 "Spejjeż għall-vjaġġi regolari" matul l-2015 u kemm iż-żieda tal-impenji li jikkorrispondu għall-Partita 1 0 0 5 "Spejjeż oħra għall-vjaġġi" jistgħu jiġi spjegati mill-bidla fil-kalendarju tal-attivitajiet tal-Parlament. Iż-żieda fil-gimħat ta' attivitajiet parlamentari esterni wasslet għal tnaqqis fil-livell ta' nfiq fir-rigward tal-vjaġġi regolari, filwaqt li kien hemm it-tendenza li l-vjaġġi fl-Istat Membru tal-elezzjoni jiżdiedu.
19. Fl-2016, il-Membri b'kollox għamlu 29 641 vjaġġ⁽⁷⁾. Il-maġġoranza tal-vjaġġi saru lejn Brussell (18 615) u lejn Strasburgu (8 687). Għal laqgħat f'postijiet oħra fl-Unjoni Ewropea saru 1 348 vjaġġ u għal laqgħat barra mill-Unjoni Ewropea saru 991 vjaġġ.
20. Il-Partita 1 0 0 6 hija intenzjonata biex tkopri l-ispejjeż li jirriżultaw mill-attivitajiet parlamentari tal-Membri. Din l-allowance ammontat għal EUR 4 320 fix-xahar għal kull Membru fl-2016 (mhux mibdula meta mqabbla ma' dik tal-2015) u tħallset darba fix-xahar fuq talba tal-Membri.
21. It-tnaqqis li jikkorrispondi għall-Partita 1 0 2 0 "Allowances Tranżitorji" bejn l-2015 u l-2016 jirrifletti l-effett tal-eliminazzjoni gradwali tal-Membri li telqu mill-kariga wara l-elezzjonijiet fl-2014 u li applikaw għal allowance tranżitorja⁽⁸⁾. FDicembru 2016, kien biss tnejn mill-ex Membri li tħallsu allowance tranżitorja, meta mqabbla ma' 12 f'Lulju 2016, 25 fi tmiem Diċembru 2015 u saħansitra 51 f'Lulju 2015. Barra minn hekk, modifika tar-regoli dwar it-tpaċċa⁽⁹⁾ wasslet biex, fl-2016, infetħu mill-ġdid 21 fajl, u rriżultat biex tħallsu EUR 752 696 bħala allowance tranżitorja.
22. Il-Partita 1 0 3 0 "Pensionijiet tal-irtirar (PEAM)" hija intenzjonata biex tkopri l-ħlas ta' pensioni tal-irtirar wara li jintemm il-mandat ta' Membru li jikkwalika skont il-kundizzjonijiet previsti fir-regolamenti l-antiki, li ġew ħadilhom posthom l-Istatut għall-Membri li daħal fis-seħħ fl-2009⁽¹⁰⁾. Id-drittijiet għal pensioni tal-irtirar miksubin sad-data tad-dħul fis-seħħ tal-Istatut jinżammu. Id-dispozizzjoniġiet dwar il-pensioni tal-irtirar attwalment jaapplikaw biss għall-Membri eletti fi Franzia jew fl-Italja, waqt li l-Membri l-oħra kollha għandhom id-dritt jaderixxu fi skemi pensjonistiċi organizzati mill-awtoritajiet nazzjonali tagħhom. Il-Membri tal-Parlament Ewropew eletti fl-Italja li ma jibbenifaw minn skema pensjonistika fil-livell nazzjonali u l-Membri tal-Parlament Ewropew eletti fi Franzia li kieni membri ta' skema pensjonistika differenti minn dik tad-deputati tal-Assemblea Nazzjonali għandhom il-possibilità li jħallsu lill-bagħit tal-Parlament Ewropew kontribuzzjoni ikkalkolati fuq l-istess bażi bħal dawk tad-deputati eletti għall-parlament nazzjonali fl-Italja u fi Franzia, b'mod li jiksbu l-istess drittijiet għal pensioni li jgawdu minnhom id-deputati eletti fil-parlament nazzjonali. Fi tmiem l-2016 kien hemm 390 beneficiarju, imqabbla ma' 458 fi tmiem l-2015. It-tnaqqis fl-ġħadd tal-beneficiarji jispjega t-tnaqqis tal-impenji taħt il-Partita mill-2015 għall-2016.

⁽⁶⁾ L-Artikolu 10 tal-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew.

⁽⁷⁾ Abbażi tat-talbiet għal rimborż li l-Membri għamlu sat-13 ta' Frar 2017. Vjaġġ huwa marbut mal-parteċipazzjoni ta' Membru f'posta laqgħa wieħed biss (vjaġġi regolari).

⁽⁸⁾ Din l-allowance titħallas bi qbil mal-Artikolu 9 tal-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew, li l-kundizzjonijiet tiegħu jistgħu jiġi sintesizzati kif ġej: Il-Membri tal-Parlament Ewropew li jkun temm il-funzjonijiet tiegħu wara mandat minimu ta' sena jkollu dd-dritt għal allowance tranżitorja, li jikkorrispondi għas-salarju parlamentari. Din l-allowance titħallas mill-ewwel jum tax-xahar li jseġwi dak meta jtemm il-funzjonijiet tiegħu. Dan id-dritt jikkorrispondi għal xahar għal kull sena li fiha jkun eżerċita l-mandat fil-Parlament Ewropew, imma ma jistax ikun ta' inqas minn sitt xħur jew iżżejjed minn 24 xahar.

⁽⁹⁾ Modifika għall-Artikolu 46 tal-Miżuri ta' Implantazzjoni tal-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew (ĠU C 397, 28.11.2015, p. 2); din il-modifika kella x-taqṣam mat-tnaqqis tal-ammonti li jirċievi ex Membru talli jeżerċita mandat f'parlament ieħor jew kariga pubblika mill-allowance tranżitorja.

⁽¹⁰⁾ Abbażi tad-dispożizzjoni Tranżitorji fl-Artikolu 75 tal-Miżuri ta' Implantazzjoni tal-Istatut tal-Membri tal-Parlament Ewropew, u skont l-Anness III tar-Regoli dwar l-ispejjeż u l-allowances tal-Membri tal-Parlament Ewropew ("PEAM"). L-Istatut għall-Membri tal-Parlament Ewropew daħħal fis-seħħ fl-14 ta' Lulju 2009.

B. Kapitolu 12 “Ufficijali u persunal temporanju”

Tabella 9


Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 12

Partita	Intestatura	Sehem fl-2016	(EUR)			
			2016	2015	Differenza	Varjazzjoni 2016/2015
1 2 0 0	Remunerazzjoni u allowances	99 %	621 577 767	594 444 744	27 133 023	5 %
1 2 0 4	Drittijiet marbuta mad-dħul fis-servizz, trasferimenti jew tluq mis-servizz	1 %	3 425 000	2 560 000	865 000	34 %
Oħrajn	Oħrajn	0 %	817 433	479 406	338 027	71 %
Kapitolu 12 — Ufficijali u persunal temporanji		100 %	625 820 200	597 484 150	28 336 050	5 %

23. L-infiq relatat mal-ufficijali u l-persunal temporanju ammonta għal EUR 625 820 200 fl-2016, u dan jagħmlu l-akbar kategorja ta' nfiq, li tirrappreżenta 34 % tal-impenji totali tas-sena finanzjarja 2016. It-tkabbir taħt dan il-kapitolu huwa dovut essenzjalment miż-żieda li tikkorrispondi għall-Partita 1 2 0 0 “Remunerazzjoni u allowances”, li tirrappreżenta 99 % tal-appoprjazzjonijiet taħt il-Kapitolu 1 2.
24. B'kollo, l-impenji li jikkorrispondu għall-Partita 1 2 0 0 “Remunerazzjoni u allowances” ammontaw għal EUR 621 577 767; żieda ta' 5 % fuq dawk tal-2015. Din l-evoluzzjoni tirrifletti ż-żieda fir-rata ta' karigi mimilja u tintegħha l-progressjoni tal-karrieri, kif ukoll l-indiċizzazzjoni tas-salarji. Infatti, f'Diċembru 2016, ir-remunerazzjonijiet tal-ufficijali u persunal ieħor tal-Unjoni Ewropea żdiedu bi 3,3 %, b'effett retroattiv mill-1 ta' Lulju 2016.
25. L-impenji li jikkorrispondu għall-Partita 1 2 0 4 “Drittijiet marbuta mad-dħul fis-servizz, trasferimenti jew tluq mis-servizz” ammontaw għal EUR 3 425 000; minħabba li daħlu fis-servizz u telqu minnu ammont akbar ta' ufficijali u aġenti oħra, l-impenji żdiedu b'34 % fuq dawk tal-2015.
26. Fl-2016, 181 persuna ġew impjegati mas-Segretarjat Ĝeneralis bħala ufficijali u persunal temporanju, u 76 ġew impjegati mal-gruppi politiċi bħala persunal temporanju. B'kollo, 6 181 persuna kienu qed jaħdmu mal-Parlament Ewropew bħala ufficijali u persunal temporanju sal-31 ta' Diċembru 2015, b'5 295 minnhom jaħdmu mas-Segretarjat Ĝeneralis u 806 mal-gruppi politiċi.
27. F'dak li għandu x'jaqsam mal-proporzjon bejn sess u ieħor, in-nisa jirrappreżentaw 59 % tal-persunal totali tal-Parlament, 30 % tal-kapipiet tal-unitajiet, 30 % tad-diretturi u 26 % tad-diretturi ġeneralis sal-31 ta' Diċembru 2016. Il-grafika ta' hawn taħt tippreżenta kif il-persunal huwa mqassam bejn sess u ieħor skont il-grupp ta' funzjonijiet.

Grafika 3

Il-personal tal-Parlament imqassam skont is-sess



Sors: DGC PERSUNAL

C. Kapitulu 14 "Personal ieħor u servizzi esterni"


Tabella 10

Evoluzzjoni tal-approprazjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitulu 14

Partiti	Intestatura	Sehem fl-2016			Differenza 2016/2015	Varazzjoni 2016/2015 (EUR)
			2016	2015		
1400	Aġenti oħra	50 %	63 001 439	55 539 723	7 461 717	13 %
1402	Nefqa fuq l-interpretazzjoni	39 %	48 598 750	46 423 856	2 174 894	5 %
1404	Apprendistati, għotjet u skambji ta' ufficijali	6 %	7 033 670	6 379 886	653 783	10 %
1420	Servizzi esterni tat-traduzzjoni	6 %	6 917 292	8 274 845	- 1 357 553	- 16 %
Kapitulu 14 — Personal ieħor u servizzi esterni		100 %	125 551 151	116 618 310	8 932 841	8 %

28. Ir-raġuni ewlenija għaż-żieda fl-approprijazzjonijiet impenjati fi ħdan dan il-kapitolu hija ż-żieda ta' EUR 7,5 miljun fl-impenji għal persunal ieħor, fil-biċċa 1-kbira dovuta għall-internalizzazzjoni tal-persunal fil-qasam tas-sigurtà. Impatt importanti ieħor kien iż-żieda fil-ħtieġa għal interpretazzjoni esterna fl-2016 (żieda ta' EUR 2,2 miljuni fuq l-2015). L-impenji għat-traduzzjoni esterna kienu inqas b'16 %.
29. Iż-żieda li tikkorrispondi għall-Partita 1 4 0 0 "Aġenti oħra" hija dovuta fil-biċċa l-kbira għar-reklutaggħ tal-äġenti kuntrattwali fil-kuntest tal-internalizzazzjoni tas-servizz ta' sigurtà u l-indiċizzazzjoni tas-salarji. Sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Parlament kien qed jimpjega lil 1 538 persuna bħala aġenti kuntrattwali (fil-31 ta' Diċembru 2015: 1 428, jiġifieri + 8 %). Il-Grafika 4 tippreżenta kif l-äġenti kuntrattwali huma mqassma skont il-grupp ta' funzjonijiet (⁽¹¹⁾) u skont is-sessi. Prinċipalment, din il-partita sservi biex tkopri r-remunerazzjoni u l-allowances tal-äġenti l-oħra, spċċifikament l-äġenti kuntrattwali, il-kontribuzzjonijiet tal-impiegaturo għall-iskemi tas-sigurta' soċjali differenti u l-impatti tal-koeffċjenti ta' korrezzjoni applikabbli għar-remunerazzjoni jid-dawn l-äġenti, kif ukoll l-impieg ta' persunal temporanju.

Grafika 4

Persunal kuntrattwali skont il-grupp ta' funzjonijiet u skont is-sess fl-2016

Sors: DĠ PERSUNAL

30. L-evoluzzjoni fil-konfront tal-Partita 1 4 0 2 "Nefqa fuq l-interpretazzjoni" hija dovuta mill-bidliet fil-karatteristiċi tad-domanda, bħall-modifikasi li ġew introdotti għall-istruttura tal-kalendarija tal-aktivitajiet tal-Parlament u l-ħolqien ta' żewġ kumitat ta' inkjesta ġodda. Barra minn hekk, bħala medja, ir-rata ta' kuljum għall-interpreti awżiżlarji tal-konferenzi kibret minħabba żieda fis-salarji u adattamenti tal-allowances għal kuljum u l-limiti massimi għall-akkomodazzjoni waqt il-missjonijiet. L-impenji li jikkorrispondu għal din il-partita koprew l-onorarji, il-kontribuzzjonijiet għas-sigurta soċjali, l-ispejjeż għall-vjaġġi u l-allowances ta' sussistenza għall-interpreti awżiżlarji tal-konferenzi impiegati mill-Parlament biex jiggħarraxxi l-interpretazzjoni waqt il-laqgħat li organizza.
31. L-äġenti għall-interpretazzjoni tal-konferenzi pprovdew 52 121 jum ta' interpretazzjoni fl-2016 (żieda ta' 1,3 % meta mqabbla mal-2015) għall-Parlament u istituzzjonijiet oħra (⁽¹²⁾) (meta l-Parlament kien obbligat jipprovi dan is-servizz).

⁽¹¹⁾ Il-Grupp ta' Funzjonijiet I ikopri l-kompli manwali u ta' appoġġ amministrattiv; il-Grupp ta' Funzjonijiet II ikopri l-kompli klerikal u segretarjali, l-amministrazzjoni ta' uffiċċju u kompli ekwivalenti oħra; il-Grupp ta' Funzjonijiet III ikopri l-kompli eżekutivi, it-tfassil, il-kontabilità u kompli tekniċi ekwivalenti oħra; u il-Grupp ta' Funzjonijiet IV ikopri l-kompli amministrattivi, konsultattivi, lingwistiċi u kompli tekniċi ekwivalenti.

⁽¹²⁾ Il-Qorti tal-Awdituri, l-Ombudsman, iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni, il-laqgħat tal-Kummissjoni fil-Lussemburgo u, parżjalment, il-Kumitat tar-Reġjuni.

32. L-evoluzzjoni fil-konfront tal-Partita 1 4 0 4 "Apprendistati, għotjet u skambji ta' uffiċċali" hija dovuta principally għaż-żieda fl-għadd ta' esperti nazzjonali sekondati. L-impenji koprew ir-remunerazzjonijiet, l-allowances, l-ispejjeż għall-vjaġġi u l-ispejjeż tal-assigurazzjoni kontra l-mard u l-inċidenti tal-kategoriji ta' persunal ikkonċernati.
33. L-evoluzzjoni fil-konfront tal-Partita 1 4 2 0 "Servizzi esterni tat-traduzzjoni" hija dovuta parżjalment għat-tnejha fl-esternalizzazzjoni fl-2016 u parżjalment għall-fatt li, bħala medja, il-prezz għal kull faċċata ta' traduzzjoni esternalizzata skont il-kuntratti l-għodda fis-seħħ fl-2016 kien aktar baxx milli kien skont il-kuntratti li kien fuu ffirmati qabel.

D. Kapitolu 16 "Infiq ieħor relatati mal-persuni li jaħdmu fl-istituzzjoni"

Tabella 11

Evoluzzjoni tal-approprijazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 16

Partita	Intestatura	Sehem fl-2016	(EUR)			
			2016	2015	Differenza	Varjazzjoni 2016/2015
1 6 1 2	Taħriġ Ulterjuri	38 %	5 535 265	4 950 971	584 294	12 %
1 6 5 2	Nefqiet kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins	4 %	615 000	3 500 000	- 2 885 000	- 82 %
1 6 5 4	Ċentri għat-tfal żgħar u skejjel materni approvati	38 %	5 517 444	6 167 701	- 650 257	- 11 %
Oħrajn	Oħrajn	19 %	2 773 780	2 916 808	- 143 028	- 5 %
Kapitolu 16 — Infiq ieħor relatati mal-persuni li jaħdmu fl-istituzzjoni		100 %	14 441 490	17 535 481	- 3 093 991	- 18 %

34. L-impenji li jikkorrispondu għall-Partita 1 6 1 2 "Taħriġ ulterjuri" koprew l-infiq fuq taħriġ maħsub biex itejjeb il-kompetenzi tal-persunal, kif ukoll il-prestazzjoni u l-effiċċenza tal-istituzzjoni. Fl-2016, b'kollo kien hemm 5 618 il-parcipazzjoni fkorsijiet lingwistiċi (2015: 5 606), 2 120 fkorsijiet ta' taħriġ informatiku (2015: 2 284), u 874 fkorsijiet ta' taħriġ finanzjarju (2015: 1 233). B'kollo kien hemm 11 873 parteċipazzjoni fkorsijiet interni ta' taħriġ ġenerali (2015: 11 970), u 353 fkorsijiet esterni (2015: 341) (¹³).
35. It-tnejha tħalli minn il-ġalli kien jikkorrispondu għall-Partita 1 6 5 2 "Nefqiet kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins" matul l-2015 jista' jiġi spjegat permezz tal-implimentazzjoni tal-linji gwida strateġiċi għall-modernizzazzjoni tal-politika tal-Parlament dwar il-forniment tal-ikel għall-2014–2019, li ġew adottati mill-Bureau fl-10 ta' Ġunju 2013. Abbażi ta' dawn il-linji gwida, il-kuntratturi li jipprovd u s-servizzi ta' forniment ta' ikel fil-bini tal-Parlament ma baqgħux jiġi ssussidjati fi Brussej (minn Lulju 2015) u fi Strasburgo (minn Novembru 2016).
36. L-approprijazzjoni li jikkorrispondu għall-Partita 1 6 5 4 huma intenzjonati biex ikopru l-kontribuzzjoni tal-Parlament għall-ispejjeż kollha taċ-ċentru għat-tfal żgħar u l-iskejjel materni esterni li magħhom ikun ġie konkluż ftehim (¹⁴). Ir-raquni ewlenija għat-tnejha kienet li, kumplessivament, il-htiġiġiet kienu aktar baxxi, peress li għadd ta' postijiet fl-iskejjel materni privati fi Brussej baqgħu ma ttiħdux u kien hemm bżonn ta' anqas interventi esterni.

(¹³) Iċ-ċifri jirreferu għal parteċipazzjonijiet mhux għal persuni. Persuna waħda tista' tipparteċipa f'diversi korsijiet fl-istess qasam.

(¹⁴) NB: Id-dħul assenjat relatati ma' din il-partita, li jorġiha mill-kontribuzzjoni tal-ġenituri, ammonta għal EUR 4 281 499 fl-2016.

E. Kapitolu 20 “Bini u nefqiet relatati”

Tabella 12

Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma’ dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 20

Partita	Intestatura	Sehem fl-2016	(EUR)			
			2016	2015	Differenza	Varjazzjoni 2016/2015
2001	Ħlasijiet ta’ ċnus	21 %	53 500 000	77 585 000	- 24 085 000	- 31 %
2005	Il-kostruzzjoni ta’ bini	7 %	17 788 807	19 569 858	- 1 781 051	- 9 %
2007	Sistemazzjoni fil-bini	24 %	60 652 106	44 515 782	16 136 324	36 %
2022	Manutenzjoni, żamma, operat u tindif tal-bini	20 %	51 216 628	55 608 835	- 4 392 207	- 8 %
2026	Sigurtà u sorveljanza tal-bini	6 %	16 231 922	18 844 027	- 2 612 105	- 14 %
Oħrajn	Oħrajn	21 %	52 210 233	49 245 641	2 964 592	6 %
Kapitolu 20 — Bini u nefqiet relatati		100 %	251 599 697	265 369 143	- 13 769 447	- 5 %

37. Inizjalment ma ddaħħlet l-ebda appoprjazzjoni għall-Partita 2001 “Ħlasijiet ta’ ċnus” fil-baġit 2016: l-appoprjazzjonijiet għal din il-partita ġew miżjud b'EUR 53 500 000 miljun sa tmiem is-sena finanzjarja, b'rīzultat-trasferiment ta’ tlaqqit. L-ammont kollu ġie impenjat għall-proġett ta’ estensjoni tal-Bini Adenauer fil-Lussemburgu (il-proġett tal-KAD).
38. L-impenji li jikkorrispondu għall-Partita 2005 “Il-kostruzzjoni ta’ bini” koprew l-ispejjeż u x-xogħliljet relatati mal-proġett tal-KAD⁽¹⁵⁾ u b'kollox ammontaw għal EUR 11 113 598 (2015: EUR 8 969 858). Koprew ukoll l-ispejjeż u x-xogħliljet relatati mar-rinnovament tal-Bini Havel fi Strasburgu, li ammontaw għal EUR 2 149 941 (2015: EUR 5 050 000), kif ukoll xi proġetti fi Brussell (li ammontaw għal EUR 4 525 268), principally fir-rigward tat-tnedija tas-sistemazzjoni tal-Bini Martens.
39. Il-Partita 2007 “Sistemazzjoni fil-bini” hija intenzjonata għall-finanzjament ta’ proġetti ta’ sistemazzjoni speċifiċi u individuali li ma jinvolvux xogħol rikorrenti. Iż-żieda fl-impenji li jikkorrispondu għal din il-Partita fl-2016 hija principally dovuta għall-investimenti ecċeż-żonali fl-aspetti tas-sigurtà tal-bini, bħala konsegwenza tal-bidla fis-sitwazzjoni tas-sigurtà. L-investimenti kienu mimmirati, fost affarrijiet oħra, lejn ir-rinfurzar tal-entraturi tal-bini, ir-rinfurzar tal-ħġieġ biex isir reżistenti għall-balel sparati u t-tqawwijsa tal-perimetru ta’ sigurtà barra l-bini fi Brussell u Strasburgu. Il-proġetti l-oħra fi Brussell kellhom x’jaqsma, pereżempju, mal-modernizzazzjoni tal-lifts fil-Bini Spinelli, postijiet għall-qari ta’ dokumenti kunfidenzjali jew sigretti u c-Ċentru ta’ Akkoljenza għall-Viżitaturi l-għid fil-Bini Atrium. Il-proġetti l-ewleni l-oħra fi Strasburgu kien: xogħliljet biex ikun hemm sigurtà fis-swali ddedikati għall-informatika u t-telekomunikazzjoni, it-tiswija ta’ diversi ħsarat u x-xogħol ta’ tiswija għall-materjal ta’ iż-żiżol min-nirien fil-Bini Weiss, il-konverżjoni ta’ tliet swali għal-laqgħat fil-Bini Pflimlin f'uffiċċji open plan u l-installazzjoni ta’ Parlamentarium żgħir.
40. Il-Partita 2022 “Manutenzjoni, żamma, operat u tindif tal-bini” tkopri l-manutenzjoni tal-bini (eż. it-tindif, l-ispazji bil-pjanti, eċċ.), u l-manutenzjoni tat-tagħmir u l-installazzjoni fil-bini (il-manutenzjoni strutturali u ta’ tip ieħor, is-sistemi tekniċi tal-bini, il-liftijiet, eċċ.). It-tnaqqis fil-konfront tal-partita matul l-2015 huwa dovut principally għal razzjonalizzazzjoni tas-servizzi tat-tindif, żieda indičjarja li kienet anqas milli kien mistenni u tnaqqis tal-ispejjeż f'kuntratt ta’ manutenzjoni wara li ġew innegozjati xi emendi fl-2015.

⁽¹⁵⁾ Bl-eċċeż-żon tax-xogħliljet iff-innanzjati fil-qafas tal-konvenzjoni ta’ ċens, li huma koperti mill-appoprjazzjonijiet tal-Partita 2001.

41. L-impenji li jikkorrispondu għall-Partita 2 0 2 6 “Sigurtà u sorveljanza tal-bini” koprew essenzjalment l-ispejjeż tal-għassa u tas-sorveljanza tal-bini okkupat mill-Parlament fit-tliet postijiet tax-xogħol tiegħu u l-uffiċċi tal-informazzjoni. It-tnaqqis tal-impenji fl-2016 jirriżulta mit-tlestija tal-internalizzazzjoni tas-servizzi tas-sigurtà fi Strasburgu, mid-dispożizzjonijiet il-ġodda rigward il-ħinijiet tal-ftuħ u tal-għeluq tal-bini u mill-fatt li bini partikolari fil-Lussemburgu ma baqax jintuża.

F. Kapitolu 2 1 “Proċessar ta’ data, tagħmir u għamara”

Tabella 13

Evoluzzjoni tal-approprijazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma’ dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 2 1

Partita	Intestatura	Sehem fl-2016	2016	2015	Differenza	(EUR)
						Varjazzjoni 2016/2015
2 1 0 0	Informatika u telekomunikazzjoni — attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament	17 %	25 283 870	24 431 284	852 586	3 %
2 1 0 1	Informatika u telekomunikazzjoni — attivitajiet rikorrenti relatati mal-infrastruttura	12 %	17 647 113	15 985 141	1 661 972	10 %
2 1 0 2	Informatika u telekomunikazzjoni — attivitajiet rikorrenti relatati mas-sostenn ġenerali lill-utenti	8 %	12 148 515	13 107 525	- 959 010	- 7 %
2 1 0 3	Informatika u telekomunikazzjoni — attivitajiet rikorrenti ta’ ġestjoni tal-applikazzjonijiet ICT	12 %	18 162 835	18 109 265	53 570	0 %
2 1 0 4	Informatika u telekomunikazzjoni — investimenti fl-infrastrutturi	13 %	20 450 328	23 291 216	- 2 840 888	- 12 %
2 1 0 5	Informatika u telekomunikazzjoni — investimenti fil-proġetti	15 %	23 410 581	13 180 010	10 230 571	78 %
Oħrajn	Oħrajn	23 %	35 725 484	28 807 945	6 917 539	24 %
Kapitolu 2 1 — Proċessar ta’ data, tagħmir u għamara		100 %	152 828 726	136 912 387	15 916 339	12 %

42. L-infiq li jikkorrispondi għall-Partita 2 1 0 0 “Informatika u telekomunikazzjoni — attivitajiet rikorrenti tal-funzjonament” jirrigwarda l-funzjonament tajjeb tas-sistemi tal-informatika u t-telekomunikazzjonijiet tal-Parlament u b'mod spċċiku s-sistemi taċ-ċentru tal-informatika u t-telekomunikazzjonijiet, l-informatika dipartimentali u l-ġestjoni tan-netwerk. Iż-żieda ta’ 3 % tal-impenji li jikkorrispondu għal din il-partita bejn l-2015 u l-2016 tirrigwarda l-kapaċitajiet dejjem jiżdiedu taċ-ċentru tad-data minn sena għall-oħra, b'riżultat taż-żieda fl-għadd tal-applikazzjoni fuq is-servers tiegħu. Barra minn hekk, il-kuntratti qafas għall-manutenzjoni jiġu indiċizzati annwalment, u dan irriżulta biex l-infiq kompla jiżdied matul l-2016.
43. L-infiq li jikkorrispondi għall-Partita 2 1 0 1 “Informatika u telekomunikazzjoni — attivitajiet rikorrenti relatati mal-infrastruttura” tirrigwarda l-attivitajiet rikorrenti ta’ ġestjoni u manutenzjoni tas-sistemi tal-informatika u t-telekomunikazzjoni tal-Parlament, u b'mod spċċiku l-infrastrutturi relatati man-netwerks, mas-sistemi tal-wajers, mat-telekomunikazzjoni, mal-apparat individwali, kif ukoll mas-sistemi ta’ votazzjoni. Iż-żieda ta’ 10 % fl-impenji bejn l-2015 u l-2016 tista’ tiġi spiegata prinċipalment mill-fatt li l-impenji bagħtarji għal kuntratt sinifikanti partikolari ġew imposti fuq il-baġit 2015 għal sitt xhur biss.

44. L-infiq li jikkorrispondi għall-Partita 2 1 0 2 "Informatika u telekomunikazzjonijiet — attivitajiet rikorrenti relatati mas-sostenn ġenerali lill-utenti" tirrigwarda l-attivitajiet rikorrenti ta' għajnuna u ta' sostenn ġenerali lill-utenti firrigward tas-sistemi tal-informatika u t-telekomunikazzjonijiet tal-Parlament, b'mod partikolari s-servizzi ta' sostenn għall-Membri, kif ukoll għall-applikazzjonijiet amministrattivi u leġiżlattivi. It-tnaqqis ta' 7 % fl-impenji bejn l-2015 u l-2016 fil-konfront ta' din il-partita jista' jiġi spjegat principally mit-trasferimenti interni ta' approprijazzjonijiet lejn partiti baġitarji oħra fil-qasam tal-ICT⁽¹⁶⁾, b'segwitu għal riorganizzazzjoni u trasferiment interni ta' attivitajiet u responsabilitajiet li ma setgħux jitbassru meta tħejja l-baġit 2016.
45. L-impenji li jikkorrispondu għall-Partita 2 1 0 3 "Informatika u telekomunikazzjonijiet — attivitajiet rikorrenti ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet ICT" jirrigwardaw l-attivitajiet rikorrenti ta' ġestjoni tal-applikazzjonijiet ICT tal-Parlament Ewropew, b'mod partikolari l-applikazzjonijiet relatati mal-Membri, dawk relatati mal-komunikazzjoni kif ukoll l-applikazzjonijiet amministrattivi u leġiżlattivi. L-impenji li jikkorrispondu għal din il-partita baqħu stabbli bejn l-2015 u l-2016.
46. L-impenji li jikkorrispondu għall-Partita 2 1 0 4 "Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fl-infrastrutturi" jkopru l-investimenti fl-infrastrutturi tas-sistemi tal-informatika u t-telekomunikazzjonijiet tal-Parlament, inklużi s-sistemi taċ-ċentru tal-informatika u t-telekomunikazzjonijiet, in-networks, is-sistemi ta' cables, kif ukoll is-sistemi ta' videokonferenzi. Ir-raġuni ewlenija għat-tnaqqis ta' 12 % fil-konfront ta' din il-partita hija li tqiegħdu anqas approprijazzjonijiet għad-dispożizzjoni biex jiġi akkwistat tagħmir ICT individwali.
47. L-impenji li jikkorrispondu għall-Partita 2 1 0 5 "Informatika u telekomunikazzjonijiet — Investimenti fil-proġetti" jkopru l-investimenti relatati ma' proġetti eżistenti jew ġodda fil-qasam tal-ICT. L-investimenti jinkludi l-applikazzjonijiet relatati għall-Membri, l-applikazzjonijiet fil-qasam leġiżlattiv, amministrattivi u finanzjarju, kif ukoll dawk relatati mal-governanza tal-ICT. Iż-żieda ta' 78 % fl-infiq li jikkorrispondi għal din il-partita mill-2015 għall-2016 hija relatata principally mal-approprijazzjonijiet addiżżejjha li ġew ipprovdu permezz ta' trasferimenti interni, b'segwitu għal riorganizzazzjoni u trasferiment interni tal-attivitajiet fl-2016 bl-intenzjoni li ċerti proġetti informatiċi jiġi ġesti b'mod aktar deċentralizzat, l-iż-żvilupp ta' proġetti ġodda, pereżempju fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni tal-proċessi, u d-deċiżjoni li hemm bżonn li ċerti żviluppi fi ħdan il-programm e-Parlament jiġi indirizzati aktar kmieni milli kien previst preċedentement.

G. Kapitolo 2 3 "In-nefqa amministrattiva kurrenti"

Tabella 14

Evoluzzjoni tal-approprijazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolo 2 3

Artikolu	Intestatura	Sehem fl-2016	2016	2015	Differenza	Varjazzjoni 2016/2015
2 3 0	Kanċellerija, provvisti għall-uf-fiċċju u oġġetti għall-konsum diversi	31 %	1 379 855	1 406 202	- 26 347	- 2 %
2 3 7	Rilokazzjonijiet	26 %	1 167 644	1 064 562	103 082	10 %
2 3 8	Nefqiet amministrattivi oħra	23 %	1 039 959	854 288	185 671	22 %
Oħrajn	Oħrajn	19 %	843 380	1 133 423	- 290 043	- 26 %
Kapitolo 2 3 — In-nefqa amministrattiva kurrenti		100 %	4 430 838	4 458 475	- 27 637	- 1 %

⁽¹⁶⁾ It-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

48. Il-partiti kollha f'dan il-kapitolu pprovdeż finanzjament għat-trasferiment ta' tlaqqit C8. Saru sforzi kontinwi biex in-nefqa amministrattiva kurrenti tiġi kkontrollata. Il-bidla fil-konfront tal-Artikolu 2 3 7 "Rilokazzjonijiet" tista' tiġi spjegata minn nuqqas ta' ħaddiem fil-qasam tal-għamara, li wassal għal żieda fid-domanda għal ħaddiem esterni fil-qasam. Iż-żieda fil-konfront tal-Artikolu 2 3 8 "Nefqet amministrattivi oħra" hija dovuta principally minn żieda fil-ħalli uniformi jiet ikkollegati mal-proċessi ta' internalizzazzjoni tas-servizzi tat-transport tal-Membri (ix-xufiera) u tas-sigurtà.

H. Kapitolu 30 "Laqgħat u konferenzi"

Tabella 15

Evoluzzjoni tal-approprazjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 30

Artikolu	Intestatura	Sehem fl-2016	2016	2015	Differenza	(EUR)
						Varjazzjoni 2016/2015
3 0 0	Nefqet għall-missionijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol	79 %	26 050 083	25 160 802	889 282	4 %
3 0 4	Nefqet varji għal laqgħat	18 %	6 080 262	5 218 479	861 783	17 %
3 0 2	Nefqet għal riċevimenti u rap-preżentazzjoni	3 %	908 552	790 911	117 641	15 %
Kapitolu 30 — Laqgħat u konferenzi		100 %	33 038 898	31 170 192	1 868 705	6 %

49. Fl-2016, saru 34 457 missjoni⁽¹⁷⁾ (2015: 34 459), li b'kollox jirrappreżentaw 99 660 jum fuq missjoni (2015: 98 674). Il-biċċa l-kbira tal-missionijiet involvew vjaġġi bejn it-tliet postijiet tax-xogħol tal-Parlament (Brussell - 4 456 missjoni; Strasburgu - 21 393; u l-Lussemburgu - 2 187). Apparti żieda fil-jiem fuq missjoni, iż-żieda fil-konfront tal-Artikolu 3 0 0 "Nefqet għall-missionijiet tal-istaff u vjaġġar fuq xogħol bejn it-tliet postijiet ta' xogħol" tista' tiġi spjegata permezz ta' adattament tal-allowances għas-sussistenza għal kuljum u l-limiti massimi għall-akkomodazzjoni (mill-10 ta' Settembru 2016), li sar għall-ewwel darba f'disa' snin⁽¹⁸⁾.
50. Ir-raġuni ewlenija għaż-żieda fil-konfront tal-Artikolu 3 0 4 "Nefqet varji għal laqgħat" hija d-domanda li kienet oħla milli kien mistenni għall-forniment tar-rinfreski, b'mod partikolari l-ilma minerali, li jiġu serviti waqt il-laqgħat uffiċċiali u amministrattivi.

I. Kapitolu 32 "L-opinjoni tal-esperti u informazzjoni: akkwistar, arkivjar, produzzjoni u disseminazzjoni"

Tabella 16

Evoluzzjoni tal-approprazjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 32

Partita	Intestatura	Sehem fl-2016	2016	2015	Differenza	(EUR)
						Varjazzjoni 2016/2015
3 2 4 4	L-organizzazzjoni u l-ospitalità ta' grupp ta' viżitaturi, il-programm Euroscola u stediniet għall-multiplikaturi tal-opinjoni minn pajjiżi terzi	27 %	29 494 023	31 157 602	- 1 663 579	- 5 %

⁽¹⁷⁾ Id-data kollha għall-2016 hija bbażata fuq il-missionijiet li tħallu sal-14 ta' Frar 2017.

⁽¹⁸⁾ L-adattament preċedenti li ddeċċeda l-Kunsill imur lura għall-2007.

(EUR)

Partita	Intestatura	Sehem fl-2016	2016	2015	Differenza	Varjazzjoni 2016/2015
3 2 4 2	Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi	15 %	16 286 377	16 140 245	146 132	1 %
3 2 4 8	In-nefqa għall-informazzjoni awdžoviżiva	14 %	15 019 157	13 018 782	2 000 375	15 %
3 2 1 0	Akkwist ta' appoġġ espert għas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, il-Bibljoteka u l-Arkivji	7 %	7 273 589	6 995 311	278 278	4 %
3 2 0 0	Akkwist tal-opinjoni tal-experti	6 %	6 461 534	6 768 248	- 306 713	- 5 %
Oħrajn	Oħrajn	31 %	33 453 965	33 719 587	- 265 621	- 1 %
Kapitolo 32 — L-opinjoni tal-experti u informazzjoni: akkwistar, arkivjar, produzzjoni u disseminazzjoni		100 %	107 988 646	107 799 775	188 871	0 %

51. Il-Partita 3 2 4 4 tkopri s-sussidji mogħtija għall-gruppi ta' viżitaturi u l-ispejjeż ta' superviżjoni u ta' infrastruttura relatati, l-ispejjeż għall-ġestjoni tal-programm "Euroscola" u l-finanzjament ta' traineeships għall-multiplikaturi ta' opinjoni minn pajjiżi terzi. L-impenji li jikkorrispondu għal din il-partita naqsu meta mqabbla ma' dawk tal-2015, minħabba t-tnaqqis fl-ġħadd ta' viżitaturi fl-2016 b'segwitu għall-attakki terroristiċi fi Brussell.
52. Il-Partita 3 2 4 2 "Nefqiet għall-pubblikazzjoni, it-tagħrif u l-parteċipazzjoni f'manifestazzjonijiet pubbliċi" tkopri b'mod partikolari l-infīq fuq il-pubblikazzjonijiet ta' informazzjoni, l-aktivitajiet ta' informazzjoni, ir-relazzjonijiet pubbliċi, il-parteċipazzjoni f'avvenimenti pubbliċi, fieri kummercjal u wirjet fl-Istati Membri u fil-pajjiżi kandidati, kif ukoll l-aġġornament tal-Osservatorju Leġiżlattiv (OEIL). Fl-2016, kien hemm żieda limitata minħabba l-fatt li fit-tieni semestru tnieda l-Programm tal-Iskejel Ambaxxaturi tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri kollha. Dan il-programm jinkludi diversi attivitajiet u huwa mmirat biex joħloq netwerk ta' skejjel, għalliema u studenti li jinvolu rwieħhom mal-Parlament Ewropew, il-Membri tiegħu u l-Uffiċċċi tal-Informazzjoni sabiex iżidu l-għarfiem rigward id-demokrazija parlamentari Ewropea u l-valuri taċ-ċittadinanza Ewropea (ara l-paragrafu 117 hawn taħt).
53. Il-Partita 3 2 4 8 "In-nefqa għall-informazzjoni awdžoviżiva" tkopri l-ispejjeż marbuta mal-baġit operattiv tas-settur awdžoviż, ix-xandir dirett fuq l-internet tas-seduti plenarji u tal-laqgħat tal-kumitat parlamentari, kif ukoll il-ħolqien ta' arkivji adegwati li jiggarrantixu li l-pubbliku jkollu aċċess permanenti għal din l-informazzjoni. Iż-żieda sostanzjali fil-konfront ta' din il-partita mill-2015 għall-2016 kienet riżultat ta' diversi avvenimenti eċċeżżjonali imprevisti li kellhom jiġi koperti u l-interess dejjem jikber tal-Membri u l-istazzjonijiet televiżivi ġonna għall-installazzjoni awdžoviżi tad-DG COMM.
54. Fl-2016, il-produzzjoni ta' materjal awdžoviżv iż-ġġenerat 1 831 proġett fuq Europe by Satellite (pereżempju, seduti plenarji, laqgħat tal-kumitat u avvenimenti politiċi), is-servizz fotografiku kopra 4 009 avvenimenti (inklużi 2 127 talba mill-Membri) u ġew prodotti 1 841 proġett radjufoniku, 3 861 servizz bilwieqfa quddiem kamera fil-faċilità Voxbox, 1 038 proġett multimedjatiku u 2 106 proġett televiżiv. Is-sistema Teletrax (218-il stazzjon Ewropew li jirrappreżentaw 80 % tal-pubbliku Ewropew) wettqet monitoraġġ ta' 208 stazzjonijiet li użaw xbihat prodotti mis-servizzi tal-Parlament. Dawn ix-xbihat intużaw 66 251 darba għal tul totali ta' 610 sħigħat.
55. Iż-żieda ta' 4 % fil-konfront tal-Partita 3 2 1 0 "Akkwist ta' appoġġ espert għas-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, il-Bibljoteka u l-Arkivji" matul l-2015 tista' tiġi spiegata minn żieda fid-domanda (u l-offerta) għall-proġetti ta' riċerka, inkluża l-ħidma editorjali fuqhom, kif ukoll żieda fl-ġħadd ta' avvenimenti li ġew organizzati. Barra minn hekk, l-ispejjeż għas-sorsi ta' informazzjoni fuq l-internet kienu oħla, peress li l-offerta hija mfassla spċċifikament biex tissodisa l-htigġiġiet ta' informazzjoni tal-Membri.

56. It-tnaqqis fir-rigward tal-Partita 3200 "Akkwist tal-opinjoni tal-esperti" mill-2015 għall-2016 hija dovuta prinċipalment għas-sospensjoni tal-għarfien espert relatat mal-proġetti informatiċi li ttardjew.

J. Kapitulu 40 "Nefqa relatata ma' ċerti iċċiżżejjiet u ma' ċerti korpi"

Tabella 17

Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitulu 40

Artikolu	Intestatura	Sehem fl-2016	(EUR)			
			2016	2015	Differenza	Varjazzjoni 2016/2015
400	Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitàjet politiċi ta' informazzjoni tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati	55 %	61 000 000	58 950 000	2 050 000	3 %
402	Finanzjament tal-Partiti Politiċi Ewropej	28 %	30 575 015	27 913 879	2 661 136	10 %
403	Finanzjament tal-fondazzjonijiet Politiċi Ewropej	17 %	18 377 156	16 060 699	2 316 457	14 %
Kapitulu 40 — Nefqa relatata ma' ċerti iċċiżżejjiet u ma' ċerti korpi		100 %	109 952 171	102 924 578	7 027 593	7 %

57. L-Artikolu 400 "Nefqa amministrattiva kurrenti u nefqa marbuta mal-attivitàjet politiċi ta' informazzjoni tal-gruppi politiċi u tal-Membri mhux affiljati" jkɔpri l-ispejjeż segretarjali, amministrattivi u ta' funzjonament għall-gruppi politiċi u l-Membri mhux affiljati, kif ukoll l-ispejjeż marbuta mal-attivitàjet politiċi u ta' informazzjoni tagħhom. Iż-żieda ta' 3 % tal-impenji fil-konfront ta' dan l-Artikolu matul l-2015 hija dovuta prinċipalment għall-fatt li l-2016 kienet l-ewwel sena sħiħa ta' eżistenza tal-Grupp ENF (li twaqqaf nhar il-15 ta' Ġunju 2015).

58. L-Artikoli 402 u 403 huma relatati mal-għotjiet li jintgħataw bħala appoġġ għall-programmi ta' ħidma annwali tal-partiti politiċi fil-livell Ewropew jew tal-fondazzjonijiet politiċi fil-livell Ewropew. Il-partiti politiċi fil-livell Ewropew jikkontribwixxu għall-formazzjoni ta' kuxjenza Ewropea u għall-espressjoni tar-rieda politika taċ-ċittadini tal-Unjoni (¹⁹). Fondazzjoni politika fil-livell Ewropew hi "entità jew network ta' entitajiet li [...] ikunu affiljati ma' partit politiku fl-livell Ewropew u li permezz tal-attivitàjet tagħhom, fil-limiti tal-ġhanijiet u l-valuri fundamentali mħaddna mill-Unjoni Ewropea, isostnu u jikkomplementaw l-ġhanijiet tal-partit politiku fl-livell Ewropew" (²⁰).

59. Fil-każ tal-partiti politiċi u l-fondazzjonijiet Ewropej, ir-rata ta' kofinanzjament massimu possibbli mill-Parlament hija ta' 85 % tal-ispejjeż eliġibbli (²¹). Iż-żieda fil-konfront taż-żewġ artikoli mill-2015 għall-2016 tirriżulta mid-deċiżjonijiet tal-Bureau dwar il-konċessjoni ta' għotjiet.

(¹⁹) L-Artikolu 10(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea.

(²⁰) L-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi fl-livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom (ĠU L 297, 15.11.2003, p. 1).

(²¹) L-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 2004/2003.

K. Kapitolu 4 2 “Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari”

Tabella 18

Evoluzzjoni tal-appropriazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma’ dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 4 2

Artikolu	Intestatura	Sehem fl-2016				(EUR) Varjazzjoni 2016/2015
			2016	2015	Differenza	
4 2 2	Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari	100 %	194 405 139	184 233 696	10 171 443	6 %
Kapitolu 4 2 — “Nefqa relatata mal-assistenza parlamentari”		100 %	194 405 139	184 233 696	10 171 443	6 %

60. Il-Membri jistgħu jużaw l-allowance tagħhom għall-assistenza parlamentari biex jimpiegaw assistenti parlamentari akkreditati (li jkunu jaħdmu fi Brussełl jew Strasburgu taħt statut spċċifiku), jew assistenti lokali (²²) (li jaħdmu abbażi ta’ kuntratti taħt id-dritt nazzjonali fil-kostitwenzi tal-Membri). Fil-każ tal-assistenti lokali, l-allowance tkopri l-fatturi, is-salarji u l-ispejjeż tal-ivvjaġġar. Fil-każ tal-assistenti akkreditati, tkopri s-salarji, l-allowances, l-ispejjeż tal-missionijiet, kif ukoll l-ispejjeż relatati mal-korsijiet ta’ tħarriġ estern.
61. Iż-żieda fl-impenji mill-2015 għall-2016 hija dovuta għall-fatt li, b'segwitu għal deċiżjoni mill-awtorità baġitarja, il-pakkett għall-assistenza parlamentari żidet mill-1 ta’ Jannar 2016 b'EUR 1 500 fix-xahar u għal kull Membru.
62. Sal-31 ta’ Diċembru 2016 kien hemm 1 924 assistent parlamentari akkreditat jaħdmu mal-Parlament, 2 247 assistent lokali li kellhom kuntratt ta’ impieg ma’ Membru (inklużi 68 impiegati minn gruppi ta’ Membri), 685 fornitur ta’ servizzi (apparti l-ġażiġi tal-pagament) u 731 aġent tal-pagament (inklużi 34 permezz ta’ grupp). Bħala medja, kull Membru impjega 2,6 assistenti akkreditati u 3,0 assistenti lokali (²³). Fl-2016, l-ġhadd tal-assistenti lokali impiegati minn kull Membru varja bejn iż-żero u għoxrin. Għalkemm 122 Membru ma kellhom l-ebda assistent lokali impiegat fi tmiem l-2016, 19-il Membru rreklutaw aktar minn 10 impiegati fl-Istat Membru tal-elezzjoni tagħhom. Barra minn hekk, 423 Membru ma kellhom l-ebda kuntratt fis-seħħ ma’ forniture ta’ servizzi fi tmiem l-2016.
63. Il-pagamenti tal-assistenza parlamentari fl-2016 fir-rigward tal-assistenti lokali li jgħixu barra miż-żona tal-euro saru billi ntużat rata tal-kambju stabbilita għas-sena kollha bejn l-euro u l-muniti l-oħra (ir-rata ta’ Diċembru 2015) bi qbil mar-regoli fis-seħħ.
64. Waqt il-laqgħa tiegħi tas-26 ta’ Ottubru 2015, il-Bureau adotta diversi bidliet għall-Miżuri ta’ Implementazzjoni tal-Istatut tal-Membri. Dawn il-bidliet irrik jedew adattament għal prattiki ġoddha kemm min-naħħa tal-amministrazzjoni u kemm min-naħħa tal-Membri. Id-dispożizzjonijiet il-ġoddha ġew implementati tul l-2016.

L. Kapitolu 4 4 “Laqgħat u attivitajiet oħra tal-Membri Parlamentari attwali u tal-ex Membri”

65. Dan il-kapitolu rrappreżenta 0,02 % tal-impenji tal-2016, u b'kollox ammonta għal EUR 420 000 (EUR 400 000 fl-2015).

M. Titolu 1 0 “Infiq ieħor”

66. Il-kapitoli f'dan it-titolu jinvolvu biss appropriazzjonijiet proviżorji li jistgħu jiġu impenjati biss wara li jiġu trasferiti lejn partita operattiva. It-trasferimenti tal-appropriazzjonijiet proviżorji qed jiġu indirizzati fit-Taqsima 1 ta’ dan ir-rapport. L-appropriazzjonijiet inizjali li jikkorrispondu għal dan it-titolu kienu ta’ EUR 6 000 000 (2015: EUR 11 700 000), ammont li huwa ekwivalenti għal 0,3 % tal-baġit totali għall-2016.

(²²) Il-forniture ta’ servizzi, it-trainees, l-ġażiġi tal-pagament u l-impiegati imqabba mill-Membri b'kuntratti taħt id-dritt nazzjonali.

(²³) Medja kkalkulata abbażi ta’ 751 Membru (inklużi għalhekk il-Membri li għandhom kuntratti ma’ assistenti akkreditati biss jew ma’ assistenti lokali biss).

III. L-OBJETTIVI TAL-2016 U R-RIŻULTATI

67. Fl-2016, l-attività leġiżlattiva żdiedet b'mod sostanziali, peress li l-Parlament kien qed joqrob lejn nofs il-leġiżlatura 2014-2019 tiegħu. Id-Direttorati Ġenerali tal-Parlament għas-Servizzi ta' Riċerka Parlamentari, għall-Politiki Interni u għall-Politiki Esteri pprovdew assistenza u għarfien lill-Membri u lill-kumitat parlamentari fil-ħidma parlamentari tagħhom. Komplew ir-razzjonalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-oqsma fundamentali tal-Amministrazzjoni tal-Parlament.
68. Avveniment notevoli li seħħ fil-livell politiku fl-2016 kien ir-referendum li sar nhar it-23 ta' Ġunju 2016 fir-Renju Unit ("il-vot dwar Brexit"). Il-President tal-Parlament issottolinja li, sakemm ir-Renju Unit jibqa' membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea, il-Membri u l-persuna Brittaniċi tal-Parlament Ewropew se jgawdu mill-istess drittijiet u obbligi li għandhom il-Membri u l-persuna l-oħra kollha tal-istituzzjoni. Ir-referendum kellu impatt konsiderevoli fuq id-Direttorati Ġenerali politiċi, li ntalbu jsegwu dan il-proċess u jheju materjal analitiku abbażi ta' ħidma ta' ġbir ta' informazzjoni biex jikkunsidraw l-impatt tat-tluq tar-Renju Unit fuq l-oqsma ta' politika u l-leġiżlazzjoni fl-oqsma rispettivi tagħhom.
69. Is-sena 2016 kienet ikkaratterizzata wkoll minn kuntest ta' sigurtà dejjem tiddeterjora u attakki terroristiċi. Nhar it-22 ta' Marzu 2016, seħħew attakki kkoordinati fl-ajruport ta' Brussell u fl-İstazzjon tal-Metro ta' Maelbeek, qrib il-bini tal-Parlament fi Brussell. L-istat ta' allert fil-Parlament żdied għal-livell orangio matul il-perjodu bejn it-22 u d-29 ta' Marzu u baqa' fil-livell isfar għall-bqja tas-sena fit-tliet postijiet tax-xogħol u fl-Uffiċċċi tal-Informazzjoni. L-attakk terroristiku qanqal azzjoni immedjata biex titqawwa s-sigurtà, b'mod speċjali fi Brussell, iżda wassal ukoll biex l-attivitàjet tal-Parlament ġew eżaminati mill-ġdid fid-dawl ta' din ir-restrizzjoni.
70. L-objettivi segwiti u r-riżultati miskuba fl-2016, li jinsabu ppreżentati hawn taħt, huma bbażati fuq il-prioritajiet u d-deċiżjonijiet adottati mill-Bureau fl-2016, fuq il-linji gwida adottati mill-Parlament fir-riżoluzzjonijiet baġitarji tiegħu u fuq l-objettivi u r-riżultati tal-Parliamentary Project Portfolio (²⁴⁾.

A. Tishħiħ tas-sigurtà tal-istituzzjoni

A.1. Tishħiħ tal-kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet l-oħra

71. Il-kuntest imqalleb fil-qasam tas-sigurtà inkoraġġixxa t-tishħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà mal-awtoritajiet nazzjonali fil-pajjiżi ospitanti, b'mod partikolari mal-awtoritajiet Belġjani.
72. Inħoloq Grupp ta' Ħidma ta' Livell Għoli dwar il-kwistjonijiet fil-qasam tas-sigurtà, li jinkludi għadd ferm limitat ta' parteċipanti. Ġew diskussi żewġ kwistjonijiet essenziali: il-ħtieġa ta' definizzjoni ċara u rikonoxxuta tad-distrett Ewropew u l-implementazzjoni ta' korp specificu fi ħdan l-awtoritajiet Belġjani biex jeżamina, jissorvelja u jieħu azzjoni rigward kwalunkwe kwistjoni relatata mas-sigurtà ta' dan id-distrett. Ġew indirizzati kwistjonijiet oħra ta' ambitu aktar ġenerali, bħall-kopertura bis-CCTV, il-miżuri ta' sigurtà speċifiċi għall-avvenimenti li jseħħu fl-ispazji pubbliċi, il-formalizzazzjoni ta' ftehim dwar preżenza tal-pulizija u militari anke f'sitwazzjoni ta' allert minimu u l-kontrolli ta' sigurtà fuq il-fornituri esterni ta' servizzi li jintużaw mill-istituzzjonijiet Ewropej. Intlaħaq qbil mal-awtoritajiet nazzjonali dwar dawn is-suġġetti differenti.

A.2. Proġett iPACS

73. Nhar id-9 ta' Marzu 2015, il-Bureau adotta l-proġett iPACS (Integrated Physical Access Control System — sistema integrata għall-kontroll tal-aċċess fiżiku) intenzjonat biex jinkisbu tekniki ta' sigurtà ġoddha u, b'hekk, biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-istituzzjoni billi tiġi mħammra b'għodda teknoloġika moderna, integrata, mhux invażiva u kapaċi tassimila l-iżviluppi teknoloġiċi tal-ġejjeni.
74. Bi qbil mad-deċiżjoni tal-Bureau, ġie stabbilit kalendarju li jipprevedi implementazzjoni gradwali fit-tliet postijiet tax-xogħol u durata globali stmata fuq ħames snin.
75. L-implementazzjoni ta' dan il-proġett digħi nbdiet waqt is-sena finanzjarja 2015, bil-finalizzazzjoni tal-proċeduri ta' sejħa għal offerti għall-akkwist ta' għarfien espert.
76. Matul is-sena finanzjarja 2016, ġew finalizzati proċeduri ta' sejħa għal offerti relatati ma' apparat tekniku.

(²⁴⁾ Sett ta' proġetti strateġiċi li ġew adottati mill-amministrazzjoni tal-Parlament u li għandhom jiġu implementati fuq perijodu ta' tliet snin.

77. Barra minn hekk, il-Bureau talab it-tisħiħ u l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-entrati għal kull binja tal-Parlament fit-tliet postijiet tax-xogħol abbażi ta' kunċett ta' sigurtà ġdid. F'dan il-kuntest, għandu jiġi nnotat li l-entrati kollha tad-diversi binjet tal-Parlament fi Brussell li kienu rinnovati matul is-snin finanzjarji 2015 u 2016, għal din l-okkażjoni ġew mgħammra b'tagħmir ġdid għall-kontroll fuq l-aċċess u ġew integrati fis-sistema iPACS il-ġidida.

78. Il-badges il-ġodda b'teknoloġija sigura ġdida se jibdew jiġu prodotti b'mod gradwali matul is-sena finanzjarja 2017, jiġifieri ffit tard meta mqabbel mal-kalendarju inizjali tal-implimentazzjoni. Dan id-dewmien irriżulta mill-għażla li dawn il-badges ikollhom ċippa tal-aħħar ġenerazzjoni u mid-disponibilità ta' din it-teknoloġija avvanzata fuq is-suq.

A.3. Miżuri maħsuba biex isaħħu s-sigurtà tal-bini tal-Parlament

79. Mill-2014 1 hawn, il-Bureau ħa sensiela ta' deċiżjonijiet maħsuba biex il-livell ta' sigurtà u ta' protezzjoni tal-bini tal-Parlament jiġi adattat għat-tipi l-ġodda ta' riskji, peress li dawn il-binjet ġew akkwistati u konċepiti qabel it-terroriżmu sar miffrux estensivament. F'April 2016, il-Bureau approva aġġornament kompreziv tax-xogħlijiet kollha għas-sistemi ta' sigurtà u l-investimenti kollha fil-qasam li kienu digħi ġew approvati fir-rigward ta' Brussell u Strasburgu, kif ukoll il-programmazzjoni tagħhom għas-snin finanzjarji 2016 u 2017.

80. B'mod parallel, il-Bureau adotta wkoll sensiela ta' miżuri bl-għan li jissaħħu s-sigurtà u l-livell ta' protezzjoni tal-binjet ċentrali tal-Parlament fi Brussell u fi Strasburgu kontra r-riskji ta' intrużjoni jew ta' attentati permezz tal-ħolqien ta' perimetru estern madwar dawn il-binjet.

81. Il-Bureau għalhekk talab it-tisħiħ u l-organizzazzjoni mill-ġdid tal-entrati għal kull binja tal-Parlament fit-tliet postijiet tax-xogħol abbażi ta' kunċett ta' sigurtà ġdid li jkun kapaċi jiggħarantixxi kemm ambient tax-xogħol mingħajr periklu u seren għall-aktivitajiet parlamentari, kif ukoll iż-żamma tal-ftuħ fir-rigward taċ-ċittadini li jikkarratterizza lill-Istittuzzjoni.

A.4. Internalizzazzjoni tax-xufiera

82. Waqt il-laqgħa tiegħu tal-11 ta' April 2016, il-Bureau adotta l-proposta għall-internalizzazzjoni tas-servizz tat-trasport tal-Membri. L-objettiv ewlieni tal-internalizzazzjoni huwa t-titjib tas-sigurtà tal-Membri peress li l-Parlament se jkun jista' jwettaq investigazzjonijiet ta' sigurtà rigward ix-xufiera qabel jiġi impiegati u jipprovdni tħalli u monitoraġġ kontinwi tal-personal tiegħu. Ir-reklutaġġ tax-xufiera l-ġodda taħt l-istatut ta' aġġent kuntrattwali beda mill-bidu tal-2017.

B. Tisħiħ tal-ħidma tal-Parlament u tal-Membri tiegħu bil-għan li jitlesta ċ-ċiklu leġiżlattiv

B.1. Riċerka u ġestjoni tal-ġħarfien

83. L-2016 kienet l-ewwel sena meta s-Servizz ta' Riċerka għall-Membri kien kompletament operattiv f'termini tal-korp tal-personal tiegħu, il-livell ta' speċjalizzazzjoni politika tiegħu u l-firxa ta' prodotti u servizzi tiegħu għall-Membri. Apparti li wieġeb diversi mistoqsijiet mingħand il-Membri jew l-uffiċċi tagħhom, is-Servizz iġġenera wkoll għadd dejjem jikber ta' pubblikazzjonijiet għall-Membri u l-istituzzjoni kollha kemm hi, li kollha ġew iddisinjati biex ikunu ċari, b'ħafna kontenut, aċċessibbli u faċli biex jinqraw.

84. Hemm diversi tipi ta' pubblikazzjonijiet, li jvarjaw fit-tul u fil-livell ta' dettall. In-noti "Mad-daqqa t'għajnej" jipprovdum sommarju ta' paġna jew tnejn dwar tema partikolari, filwaqt li l-"Briefings" joffru ħarsa aktar fid-dettall dwar politika, kwistjoni jew biċċa leġiżlazzjoni u jkollhom tul li jlaħħaq it-tnejn il-paġna. L-"Analizzjiet fil-Fond" u l-"Istudji" jipprovdum analiżi ferm aktar kompreziv u dettaljata dwar l-istess elementi. Kumplessivament, fl-2016 is-Servizz ta' Riċerka għall-Membri ġġenera 746 pubblikazzjoni stampata, li minnhom 330 kienu noti "Mad-daqqa t'għajnej", 384 kienu "Briefings" u 32 kienu "Analizzjiet fil-Fond" u "Studji".

85. Is-Servizz ta' Riċerka għall-Membri ħadem ukoll mill-qrib maż-żewġ kumitat konsultattivi tal-UE — il-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni — kif previst fil-ftehimiet ta' kooperazzjoni li ġew issfirmati magħħom fl-2014, u pprovda servizzi lil dawn il-korpi billi wieġeb għal talbiet spċifici għal riċerka u appoġġ fforom oħra. Fl-2015 u fl-2016, ipprovda madwar 150 xogħol ta' dan it-tip, skont kif inhu previst f'dawk il-ftehimiet.

86. Il-Librerija tal-Parlament, appartu l-funzjoni ta' librerijsa klassika, tiprovvdi wkoll lill-Membri u l-personal b'aċċess diġitali u fuq l-internet għal firxa estensiva ħafna ta' sorsi ta' għarfien, inklu żi ħafna ġurnali, databażżejjiet u sorsi ta' ahbarrijiet u informazzjoni oħra b'abbonament.

87. Barra minn hekk, l-unità l-ġidida bir-responsabilità għad-dritt komparattiv li nħolqot lejn tmiem l-2015, bdiet b-suċċess il-proċess li tibni ġabru ta' riferiment f'dan il-qasam, kemm fuq livell fiżiku u kemm fuq livell elettroniku, u li tistabbilixxi kollegamenti ma' librerijsi komparabbli madwar id-dinja. F'Novembru 2016, ospitat konferenza importanti dwar ir-rwol tal-qrati kostituzzjonali fil-governanza f'diversi livelli. B'mod parallel, l-unità ppubblikat seba' studji dwar il-qrati kostituzzjonali ta' diversi stati tal-UE u mhux u dwar il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

B.2. Appoġġ tal-prioritajiet politiċi

88. Fl-2016, l-attività leġiżlattiva żdiedet b'mod sostanzjali, peress li l-Parlament kien qed joqrob lejn nofs il-leġiżlatura 2014-2019 tiegħu. Dan wassal biex il-produzzjoni fl-oqsma tal-Valutazzjonijiet tal-Impatt u l-Valur Miżjud Ewropew kienet konsiderevolment ogħla milli kienet fis-snin preċedenti.
89. Fl-2016, ġew ippubblikati seba' rapporti dwar kemm jiġi jiswa' nuqqas ta' azzjoni min-naħa tal-Ewropa⁽²⁵⁾, inklużi rapporti dwar l-ikkompletar tas-suq uniku, l-ekonomija kollaborattiva, ir-reżiljenza tal-Unjoni Bankarja, iż-żona ta' riċerka integrata, il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni u kemm jiswew il-kontrolli fil-fruntieri fiż-żona Schengen (kemm jiġi jiswa' jekk il-Ftehim ta' Schengen ma jibqax japplika). Fl-2016, tlestew ħames "Valutazzjonijiet tal-Valur Miżjud Ewropew" dwar kwistjonijiet, inklużi mekkaniżmu tal-UE favur l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, ir-rikoxximent transkonfinali tal-adozzjonijiet, u l-koordinament tal-politiki dwar it-taxxa korporattiva fl-UE. Barra minn hekk ġew ippubblikati żewġ testi ta' tgħarrif dwar il-Valur Miżjud Ewropew fl-Azzjoni, li jirrilevaw il-valur miżjud tal-politiki eżistenti tal-UE, dwar il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni u dwar il-politika tal-UE dwar l-iżvilupp.
90. Hekk kif il-produzzjoni leġiżlattiva tal-Kummissjoni laħqed ir-ritmu operattiv tagħha, l-2016 kien ikkaratterizzat minn żieda importanti ferm fl-għadd tal-proposti leġiżlattivi li tressqu lill-Parlament u konsegwentement fl-għadd ta' valutazzjonijiet tal-impatt tal-Kummissjoni li kienu jirrikjedu evalwazzjoni: l-amministrazzjoni tal-Parlament ipproduċiet 36 evalwazzjoni inizjali — kważi tliet darbiet aktar milli pproduċiet fl-2015.
91. Barra minn hekk, ir-regoli l-ġoddha dwar ir-rapporti ta' implementazzjoni li ġew adottati mill-Konferenza tal-Presidenti f'April 2016 ikkontribwew għal żieda sinifikanti fl-għadd tal-"Valutazzjonijiet tal-Implementazzjoni Ewropea": fl-2016 ġew prodotti 13-il valutazzjoni ta' dan it-tip.
92. Matul is-sena ġiet organizzata firxa estensiva ta' studji, sessjonijiet ta' ħidma u attivitajiet oħra orjentati lejn il-ġejjieni, fuq talba tal-Panel ta' Valutazzjoni tal-Għażieli Xjentifiċi u Teknoloġiċi (STOA) li jinkludi 25 Membru tal-Parlament Ewropew, maħtura minn disa' kumitat parlamentari. Fl-2016, ġew prodotti 10 pubblikazzjonijiet f'dan il-qasam, li ġew ippubblikati fuq l-internet.
93. Biex nagħlqu, f'April 2015 ġiet stabbilita unità l-ġidida responsabbi biex tistudja t-Tendenzi Globali, bl-intenzjoni li tidentifika, issegwi u tanalizza t-tendenzi globali fuq żmien medju u twil, b'mod speċjali l-bidliet fl-ambjenti ekonomiċi, soċċali u politiċi internazzjonali, li jistgħu jaffettaw lill-Unjoni Ewropea fis-snin li ġejjin. Din iż-żomm lill-Membri informati dwar it-tendenzi ta' dan it-tip u l-implikazzjonijiet potenzjali tagħhom fuq il-politiki, billi tippubblika noti ta' tgħarrif u torganizza seminars. Dawn il-pubblikazzjonijiet jinkludu Tendenzjometru Globali ġdid, li għandu jiġi prodott minn tal-anqas darbejn fis-sena, u li janalizza l-bidliet li potenzjalment ikunu importanti għall-Unjoni. Matul l-2016 l-unità ppubblikat l-ewwel nota ta' tgħarrif tagħha dwar perspettiva fit-tul rigward il-migrazzjoni u l-UE, u segwietha bl-ewwel edizzjoni tat-Tendenzjometru Globali l-ġdid.

B.3. Politiki interni

94. L-2016 kien ikkaratterizzat minn livell għoli ta' attivită leġiżlattiva u mhux. Apparti l-attività jiet ċentrali tradizzjonali matul il-fażi leġiżlattiva, il-kumitat u s-segretarjati tagħhom komplew jinvestu ammont konsiderevoli ta' ħidma fid-definizzjoni tal-prioritajiet interistituzzjonali, kif ukoll fil-fażi ta' konsultazzjoni u fil-fażi ta' skrutinju. F'dan il-kuntest, ġew organizzati 391 laqgħa tal-kumitat parlamentari u 135 laqgħa tat-trilogu fl-2016.
95. B'mod partikolari, ġew ipprovdut għarfien espert u appoġġ komprezzivi għat-tħejjija tal-pożizzjoni tal-Parlament dwar l-ewwel proposta li qatt saref għar-reviżjoni tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), permezz tat-tmexxija tal-Kumitat għall-Baġits u l-involviment ta' għad kbir ta' partijiet ikkonċernati. Dan ippermetta li ssir analiżi fil-fond dwar il-funzjonament tal-QFP attwali u li jiġi adottat rapport b'ambitu mifrusx sew, bl-inklużjoni ta' linji gwida li ppermettew li jsiru diskussjoniċċi estensivi u li pprovdex kontribut preżżjuż għall-proposta tal-Kummissjoni.
96. Fl-2016, ġie pprovdut ukoll għarfien espert sostanzjali fil-proċess ta' reviżjoni tar-Regoli ta' Proċedura permezz tat-tmexxija tal-grupp ta' ħidma tal-Kumitat AFCO u permezz ta' tim ta' proġett fil-livell amministrattiv imwaqqaf biex jappoġġalu hidmiu.

⁽²⁵⁾ Dawn ir-rapporti janalizzaw il-benefiċċju potenzjali tal-azzjoni fil-futur min-naħa tal-Unjoni fl-oqsma ta' politika fejn jistgħu jinkisbu aktar effiċċjenza jew ġid pubbliku kollettiv permezz ta' azzjoni komuni fil-livell Ewropew.

97. Nhar it-13 ta' April 2016, ġie ffirmat ftehim interistituzzjonali ġdid dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet. L-amministrazzjoni tal-Parlament ikkontribwiet b'mod estensiv u b'suċċess għall-preparamenti għan-negozjati u, wara li ġie ffirmat, ħadmet b'mod attiv għall-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim u biex jingħata segwit.

98. Sehem sostanzjali ferm tal-għarfien espert meħtieġ għall-ħidma tal-kumitati jiġi prodott internament u, f'dawn l-aħħar snin, qiegħed jiżdied. Fl-2016, ġew prodotti madwar 382 (fl-2015: 352 u fl-2014: 218) studju intern u dokument ta' tgħarrif (inkluż madwar 100 aġġornament ta' wħud li diġà kienu jeżistu).

B.4. Politiki esterni

99. Fl-2016, il-ħames kumitati u sottokumitati fil-qasam tal-politiki esterni żviluppaw skrutinju u monitoraġġ rinforzati tal-politika barranija tal-UE, fost affarrijiet oħra, permezz tal-iskrutinju tal-implimentazzjoni tal-strumenti ta' finanzjament u sorveljanza baġitarja aktar estensiva, skambji ta' fehmiet regolari mal-Viċi President/ir-Rappreżentant Għoli għall-Politika Barranija tal-Kummissjoni Ewropea, il-Kummissarji responsabbi mir-relazzjonijiet esterni, is-SEAE⁽²⁶⁾ u l-uffiċċiali ta' livell għoli tal-Kummissjoni rigward il-kwistjonijiet ġeografiċi u settorjali ta' natura kruċjali. Fil-qasam leġiżlattiv, il-kumitati żvölġew rwol essenzjali fil-ħidma tat-tim tan-negozjati tal-Parlament f'għadd ta' laqgħat tat-trilogu, anke rigward fajls sensitivi (pereżempju, ir-regolament dwar il-minerali ta' kunflitt, ir-regolament aġġornat kontra t-tortura).

100. Il-Parlament ħa sehem ukoll fin-negozjati interistituzzjonali dwar l-arranġamenti għall-kooperazzjoni u l-kondiżjoni ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet internazzjonali. Barra minn hekk, komplew jiġu implementati l-arranġamenti operattivi dwar l-aċċess għad-dokumenti relatati mat-TTIP, li ppermettew li jiġi ttrattat ammont sostanzjali ta' dokumenti u pprovdex aċċess bla preċedent għad-dokumenti relatati man-negozjati kummerċjali li jkunu għaddejji.

101. L-amministrazzjoni tal-Parlament implementat ukoll il-ftehim amministrattiv li ntlaħaq mas-SEAE fir-rigward tal-kondiżjoni tar-rapportar politiku, fost affarrijiet oħra, billi installat kamra tal-qari sikura u tieħu ħsieb il-ġestjoni tagħha ta' kuljum, u billi bdiet tuża s-sistema għat-trażmissioni bil-posta elettronika b'sigurtà.

102. Fir-rigward tad-Delegazzjonijiet Interparlamentari, ingħatat attenzjoni partikolari biex titkompli l-implimentazzjoni konsistenti tal-metodi u l-modalitajiet ta' ħidma relatati mal-iskrutinju u li ġew introdotti fl-2015 u riveduti fil-bidu tal-2016.

103. Din kienet immirata biex tiżgura l-valutazzjoni u l-monitoraġġ effikaċi tal-ftehimiet internazzjonali, il-livell ta' implimentazzjoni tal-strumenti finanzjarji tal-UE, l-impatt tal-programmi u l-proġetti ffinanzjati mill-UE, is-segwitu li jingħata għar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali, is-sitwazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-monitoraġġ tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ jew fil-fażi tat-tfassil. B'kollox matul il-perjodu referenzjarju ġew prodotti 66 rapport dwar missjonijiet fid-dettall, li huma magħrufa wkoll bħala "dokumenti ta' rapportar", u li l-biċċa l-kbira tagħhom kienu ffokati fuq il-monitoraġġ tal-ftehimiet internazzjonali (23) u l-strumenti finanzjarji (16), is-segwitu għar-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali (7) u l-impatt tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ jew fil-fażi ta' tfassil (6). Tħejjew ukoll linji gwida ad hoc bl-intenzjoni li jiġu ssemplifikati t-tħejjija u t-trażmissioni tad-dokumenti ta' rapportar u li jittejbu l-aspetti l-oħra tal-ħidma tad-delegazzjonijiet (inkluż il-ġbir tad-data għal finijiet ta' statistika).

104. Id-dipartiment tematiku fil-qasam tal-politiki esterni kompla bl-approċċ integrat tiegħu fl-attività ta' kommunazzjoni tiegħu billi ppubblicizza hidmieta fuq is-sit tat-Think Tank tal-PE fuq l-internet, is-sit komuni tad-dipartimenti tematiċi fuq l-intranet u billi kkontribwixxa għal deskrizzjoni ġenerali ta' kull xahar tal-attivitàjet tad-dipartimenti tematiċi. Barra minn hekk, f-Ġunju 2016 huwa nieda l-bullettin tiegħu ta' kull xahar.

105. Bl-intenzjoni li jiżviluppa aktar kollegamenti mal-komunitajiet akkademiċi, dawk tal-grupp ta' riflessjoni u l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, l-unità tad-dipartiment tematiku organizzat 13-il pjattaforma tematika, żewġ forums dwar id-diplomazija u żewġ diskussionijiet madwar mejda. Huwa intensifikasi l-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni mad-Dipartimenti dwar l-Affarjiet Politiċi u d-Diplomazija Pubblika tan-NATO u l-laqgħat informali fil-livell tal-konsulenti saru ħażja regolari (biennali).

106. Il-maġġoranza tal-attivitàjet relatati mal-appoġġ għad-demokrazija ġew organizzati fis-sitt pajiżi prioritarji adottati mill-Grupp għas-Sostenn għad-Demokrazija u Koordinazzjoni tal-Elezzjonijiet (l-Ukrajna, il-Moldova, it-Tuneżija, il-Marokk, it-Tanzanija u l-Myanmar) u fir-reġjun prioritarju (il-Balkani tal-Punent u t-Turkija). FL-2016 ġew organizzati disa' delegazzjonijiet ta' osservazzjoni elettorali (fl-Uganda, il-Perù, il-Mongolja, iż-Żambja, il-Gabon, il-Ġordan, il-Georgia, il-Moldova u l-Għana).

107. B'mod partikolari, f'Marzu 2016, il-Parlament organizza l-Ġimgħa tal-Ukrajna, avveniment ta' tlitt ijiem għat-tnedja tal-attivitàjet għall-bini tal-kapaċitajiet mal-Verkhovna Rada. Ħadu sehem fil-programm 80 Membru u persunal ta' livell għoli. B'rizzultat tal-Ġimgħa tal-Ukrajna, il-Parlament iffirma Memorandum ta' Qbil mal-Verkhovna Rada biex tinbena sħubija mill-qrib fl-iż-żvilupp ta' attivitàjet għall-bini tal-kapaċitajiet ma' pajiż li qiegħed fil-quċċata tal-prioritat politiċi għall-Parlament.

⁽²⁶⁾ Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

108. Il-programm ta' appoġġ tal-2016 għall-parlamenti tal-Balkani tal-Punent u tat-Turkija pprova sessionijiet għall-bini tal-kapaċitajiet rigward firxa estensiva ta' temi ta' politiki, bħall-politika dwar l-immigrazzjoni u l-ażil jew in-nondiskriminazzjoni tal-persuni b'diżabilità. Dan saħħaħ id-djalogu parlamentari u intensifika s-sjeda regionali. Id-deputati u l-personal tal-parlamenti tal-pajjiżi kandidati ġew esposti għall-politiki u l-proċessi deċiżjonali tal-UE, permezz ta' dibattiti mal-Membri parteċipanti, li għenhom jifhmu u jirrispettaw il-valuri tal-UE u l-kriterji għall-adeżżoni.

B.5. Titjib tas-servizzi relatati mas-seduta plenarja u forniment ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni lill-Membri fl-uffiċċi fil-kostitwenzi tagħhom

109. Il-proġett e-Parliament huwa mmirat biex jipprovd i l-Membri b'għodda għall-awturi biex ifasslu r-rapporti u jintegrawhom fil-katina ta' produzzjoni tat-testi leġiżlattivi. Għandu x'jaqsam ukoll mad-disinn mill-ġdid tal-applikazzjonijiet tal-Plenarja. Matul l-2016, tlestiet l-introduzzjoni progressiva tal-minuti verbatim u l-bord tal-governanza għal e-Parliament adotta l-programm ta' ħidma sal-2019 (tmiem il-leġiżlatura).

110. Proġett ieħor (ICT4MEPs) itejjeb is-servizzi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li jiġu offruti lill-Membri u lill-personal tagħhom filwaqt li jkunu fil-kostitwenzi tagħhom billi jipprovdu aċċess aktar estensiv għar-riżorsi u l-applikazzjonijiet tal-Parlament. Il-Fażi 1 tal-proġett ġiet implementata f'Ottubru 2016, u pprovdiet ġestjoni tal-aċċess għal massimu ta' 1 000 Assistent Lokali. Barra minn hekk, ġie attivat numru telefoniku bla ħlas fit-28 Stat Membru biex joffri firxa aktar estensiva ta' appoġġ li jkopri ż-żoni orarji kollha tal-UE, bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż. Huwa mmirat biex jipprovd firxa sħiħa ta' servizzi addizzjonal li se jkunu disponibbli minn barra l-Parlament, matul l-2017. Fl-2016 żiddu funzjonalitajiet ġodda għas-sistemi aċċessibbli minn barra l-Parlament, bħat-tibdil tal-password.

C. Komunikazzjoni u akkoljenza tal-viżitaturi

C.1 Djalogu mal-Media u l-Partijiet Ikkonċernati

111. F'nota mis-Segretarju Ġenerali lill-Bureau bid-data tat-30 ta' Novembru 2016, ġiet deskritta l-qagħda attwali tal-proġetti u l-attivitàjet ewlenin fil-qasam tal-komunikazzjoni u l-akkoljenza tal-viżitaturi li seħħew minn tmiem l-2014 l'hawn. Dawn il-proġetti u l-attivitàjet saru apparti l-attività ta' komunikazzjoni ta' kuljum. Huma jħaddnu attenzjoni qawwija fuq it-tisħiħ tal-istrateġija tal-Parlament dwar il-viżitaturi, ir-relazzjonijiet mal-media, il-forniment ta' għarfien espert lill-Membri u strateġija dejjem tespandi għall-iżvilupp ta' kollegamenti mal-multiplikaturi importanti tal-informazzjoni fl-Istati Membri.

112. Fir-rigward tal-isforz għall-adattament tal-fluss ta' ħidma fil-qasam tal-komunikazzjoni għall-kuntest medjatiku dejjem jevolvi, il-Parlament segwa mill-qrib ir-rinnovament tal-attivitàjet medjatiċi u l-approċċ kumplessiv favur tranżizzjoni minn kopertura orjentata lejn il-pjattaformi għal waħda tematika u orjentata lejn l-udjenza.

113. Is-sit tal-Parlament fuq l-internet joffri biżżejjiljuta' informazzjoni liċ-ċittadini, lill-Membri, lill-personal, lill-media, lill-partijiet ikkonċernati u lill-viżitaturi, kif ukoll għodda mill-aktar avvanzata li tippermetti komunikazzjoni aktar b'saħħitha fuq l-internet. F'dan il-kuntest, fl-2016 bdiet l-organizzazzjoni mill-ġdid tas-sit bl-aħbarijiet tal-Parlament.

114. Barra minn hekk, ir-riforma ta' EuroparlTV kienet is-suġġett ta' diversi noti lill-Grupp ta' Ħidma tal-Bureau dwar l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni u issa waslet fil-fażjiet finali. B'segwitu għal varjetà ta' studji u evalwazzjoni, is-servizz ta' produzzjoni videografika tal-Parlament beda jipproduċi b'mod aktar immirat, b'analiżi qabel il-produzzjoni tal-istazzjonijiet ta' distribuzzjoni u l-udjenzi biex tingħata spinta lis-suċċess tal-filmati u l-involvement fir-rigward tagħhom.

115. Ġiet diskussa nota dwar ir-relazzjonijiet ta' fiduċja mal-ġurnalisti permezz tad-diversi attivitàjet u prodotti ta' kuljum mill-uffiċċiali tal-istampa tal-Parlament, filwaqt li tfakkar li l-għan ewljeni tal-attivitàjet tal-Parlament għall-istampa huwa li jżidu l-viżibilità tal-Parlament.

116. Il-kooperazzjoni bejn is-segretarjati tal-kumitat u l-uffiċċju tal-informazzjoni tal-Parlament ġiet intensifikata bil-ħsieb li jiġi organizzat djalogu aktar sistematiku mal-partijiet ikkonċernati rigward il-kwistjonijiet leġiżlattivi li qed jiġu diskussi fil-Parlament fil-qafas tal-proġett tad-djalogu mal-partijiet ikkonċernati. Dan il-proġett huwa mmirat biex jattiva lill-partijiet ikkonċernati fl-Istati Membri u jinvolvhom fil-proċess leġiżlattiv tal-Parlament permezz ta' djalogu attiv mar-rapporteurs.

C.2 Il-Programm tal-Iskejjel Ambaxxaturi tal-Parlament Ewropew

117. Pass notevoli ieħor kien l-approċċ innovattiv li jitrawwem kuntatt mal-iskejjel madwar l-Istati Membri tal-UE permezz tal-Programm tal-Iskejjel Ambaxxaturi. Il-proġett huwa mmirat biex joħloq netwerk dejjem jikber ta' skejjel li jkunu qed jinteraqixxu mal-Parlament, mal-Membri u mal-Uffiċċji tal-Informazzjoni tal-Parlament. L-iskejjel interessati jkollhom japplikaw biex isiru parti min-netwerk u mbagħad iwettqu attivitajiet ta' tagħlim li jkattru l-gharfiex rigward id-demokrazija parlamentari Ewropea u l-valuri taċ-ċittadinanza Ewropea. Il-Grupp ta' Ħidma approva t-tnedja ta' fażi pilota f'sitt Stati Membri għas-sena skolastika 2015/2016, u ta valutazzjoni pożittiva tal-eżitu. Sussegwentement, il-Bureau approva t-tnedja tal-Programm tal-Iskejjel Ambaxxaturi tal-Parlament Ewropew fl-Istati Membri kollha nhar it-3 ta' Ottubru 2016.

C.3 Il-proġetti għall-viżitaturi

118. Il-Parlament qed jagħmel ħiltu biex itejjeb l-esperjenza tal-viżitaturi kemm fil-bini tiegħu fi Brussell u fi Strasburgu, kif ukoll fl-Uffiċċji tal-Informazzjoni tiegħu fl-Istati Membri. Tul dawn l-āħħar snin, qamet il-ħtieġa li jiġu installati arranġamenti ta' akkoljenza effikaċi, informattivi u koerenti, kif ukoll faċilitajiet oħra lill-viżitaturi kollha fid-diversi ċentri ta' attrazzjoni tiegħu. Fl-2016, il-Parlament kompla jtejjeb l-offerta tiegħu għall-viżitaturi fi Brussell, fi Strasburgu u fl-uffiċċji tal-informazzjoni, b'applikazzjoni tal-istrateġija dwar il-viżitaturi adottata mill-Bureau nhar is-27 ta' April 2015.
119. Il-proġetti speċifiċi għall-viżitaturi jinkludu Dar l-Istorja Ewropea, li x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuqha ntemm fl-2016 u li huwa pppjanat li tiftaħ f'Mejju 2017. Fil-livell kuncettwalli u akademiku, din se toffri ħarsa intellettwalment rigorūza, li tkun però xorta friska u tkopri varjetà ta' perspektivi, lejn l-istorja tal-kontinent Ewropew, minn prospettiva Ewropea minflok waħda nazzjonali. Fil-livell mużeoloġiku, Dar l-Istorja Ewropea tgħabbiet bil-kompli bla preċedent li tibda kollezzjoni ġida importanti mix-xejn.
120. Minn tmiem l-2016 'l hawn, punt ta' akkoljenza ġdid għall-gruppi jinsab fil-Bini Atrium fi Brussel. L-iskop ewlien ta' dan il-proġett kien ġestjoni aħjar tal-fluss ta' viżitaturi mistenja wara li tiftaħ Dar l-Istorja Ewropea. Huwa jagħti xbieha inizjali akkoljeni u amikevoli lill-gruppi tal-viżitaturi li jkunu mistiedna jżuru l-Parlament Ewropew. Iż-Żona ta' Akkoljenza għall-Viżitaturi tiggarantixxi li l-wasla tal-viżitaturi fil-Parlament tintlaqa' b'sigurtà.
121. Waqt il-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Mejju 2015, il-Bureau approva l-kunċett wara c-Ċentru ta' Akkoljenza għall-Viżitaturi "Station Europe" li ġie installat fl-2016. Dan il-proġett ikkonverta l-istazzjon ferrovjarju l-antik Bruxelles-Luxembourg f'punt ta' orjamentant għall-mogħdija għall-viżitaturi tal-Parlament, b'applikazzjonijiet interattivi u faċċi biex jintużaw, u juża l-ewwel sular bħala spazju għall-avvenimenti u r-riċevimenti.
122. L-arranġament ta' kooperazzjoni propost mal-awtoritajiet Belġiani rigward l-użu tad-dar l-antika tal-artist Antoine Wiertz u l-ġnien tagħha ġie ppreżżentat lill-Bureau waqt il-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2015. Il-ġnien Wiertz imiss direttament mal-Bini Paul-Henri Spaak u huwa faċiement aċċessibbli mill-entrati prinċipali tal-Parlament. Il-Bureau fada lis-Segretarju Ġenerali bil-kompli li jiftaħ diskussionijiet preliminari mal-entità "Musées royaux des Beaux-Arts de Belgique", li hija responsabbi mill-Mużew Wiertz, u mal-uffiċċju "Régie des bâtiments de Belgique", li huwa responsabbi għall-bini tal-mużew, bil-parteċipazzjoni tal-presidenti u tal-kopresidenti tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni, u tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Bini, it-Trasport u Parlament Ekoloġiku, dwar kif possibilment jistgħu jintużaw il-ġnien u d-dar l-antika tal-artist. Il-proġett kompla fl-2016 u l-Istat Belġjan ippropona lill-Parlament l-iffirmar ta' kuntratt lokatizju fit-tul għal 50 sena, bil-prezz simboliku ta' EUR 1,00.
123. Proġett importanti ieħor li qed jieħu l-forma huwa l-modernizzazzjoni taż-żoni ta' akkoljenza aċċessibbli għall-pubbliku fl-Uffiċċji tal-Informazzjoni tal-Parlament, li bdiet bil-ftuħ taċ-ċentri "Europa Experience" fl-2016 f'Berlin u fl-2017 f'Ljubljana, u dalwaqt se tiġi segwita bil-modernizzazzjoni tal-faċilitajiet fi Strasburgu.

C.4 Avvenimenti u wirjet

124. Il-Parlament irawwem l-interazzjoni maċ-ċittadini permezz ta' avvenimenti rikorrenti u okkażjonali, b'mod partikolari:
- Jum l-Ewropa: fid-9 ta' Mejju jitfakkar l-Anniversarju tad-Dikjarazzjoni li għamel il-Ministru Franċiż għall-Affarijiet Barranin, Robert Schuman, fl-1950. Kif jagħmel kull sena, fl-2016, il-Parlament ċċelebra din l-okkażjoni billi organizza Jiem għall-Pubbliku fil-postiġġ tax-xogħol tiegħu, kif ukoll fl-Istati Membri. Fi Brussell, dan l-avveniment ġie organizzat fkollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE bbażati fi Brussell.

- l-Avveniment Ewropew taż-Żgħażagħ (EYE): 7 500 Ewropew ta' età bejn is-16 u t-30 sena nġabru fi Strasburgu fl-20 u l-21 ta' Mejju 2016 taħt il-motto “Flimkien nistgħu nagħmlu bidla” biex jiskambjaw l-ideat u l-perspettivi tagħhom dwar kwistjonijiet relatati maż-żgħażagħ. Il-Bureau kkonferma fis-6 ta' Ġunju 2016 li dan se jsir avveniment rikorrenti, organizzat kull sentejn fil-qafas ta' strateġija ta' komunikazzjoni bidirezzjonali miftuħa u kontinwa maż-żgħażagħ. L-EYE li jmiss se jsir f'Mejju 2018.

C.5 Il-Premju LUX, il-Premju Sakharov u l-Premju taċ-Ċittadin Ewropew

125. Il-Premju LUX għandu żewġ objettivi: li jqawwi ċ-ċirkolazzjoni tal-films Ewropej madwar l-Ewropa u jqanqal dibattitu u diskussjoni madwar l-Ewropa rigward kwistjonijiet soċjetali. Għal dawn l-għanijiet, il-Premju Ċinematografiku LUX jippromwovi d-distribuzzjoni tat-tliet films fil-kompetizzjoni billi jipprovd sottotitoli għal kull wieħed minnhom fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE u jipproduċi pakkett ġinieg minn film għal kull pajjiż. Iċ-ċelebrazzjonijiet għall-ġħaxar anniversarju tal-Premju LUX saru fl-10 ta' Ottubru 2016.
126. Il-Parlament jappoġġa d-drittijiet tal-bniedem billi kull sena jagħti l-Premju Sakharov għal-Libertà tal-Ħsieb, li ġie stabbilit fl-1988. Il-premju jingħata lill-individwi li jkunu taw kontribut eċċeżżjonali għall-ġlieda favur id-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja, b'mod li tinġibed l-attenzjoni lejn il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, kif ukoll jingħata appoġġ lir-rebbieħa u lill-kawża tagħhom. Ir-rebbieħa tal-2016 kienu Nadia Murad Basee Taha u Lamiya Aji Bashar, li t-tnejn issopravvivew għal skjavitù sesswali mill-hekk imsejjaħ “Stat Iżlamiku” u saru kellima għan-nisa milquta mill-kampanja ta' vjolenza sesswali tal-Istat Iżlamiku. Huma jaqbżu pubblikament għall-komunità Yazidi fl-Iraq, li hija minoranza reliġjuża li ġiet soġġetta għal kampanja ġenocidiali mill-militanti tal-Istat Iżlamiku.
127. Mill-2008 1 hawn, il-Parlament kull sena jagħti l-Premju taċ-Ċittadin Ewropew lill-proġetti u l-inizjattivi li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni transkonfinali jew li jippromwovu l-fehim reċiproku fi ħdan l-UE. Il-premju, li għandu valur simboliku, huwa intenzjonat ukoll biex jirrikonoxxi l-ħidma ta' dawk li, permezz tal-aktivitajiet tagħhom ta' kuljum, jipromwovu l-valuri Ewropej. Fl-2016, il-Parlament onora lil 50 persuna u organizazzjoni minn 26 pajjiż tal-UE. Wara li saru ċ-ċeremonji ta' premjazzjoni nazzjonali, f'Ottubru 2016 saret ċeremonja ċentrali fi Brussell.

C.6 AskEP

128. Is-servizz tat-Talbiet għal Informazzjoni miċ-Ċittadini (AskEP) iwieġeb għat-talbiet ta' informazzjoni mill-membri tal-pubbliku ġenerali dwar il-Parlament u, b'mod aktar estensiv, dwar il-kwistjonijiet relatati mal-UE. Fil-leġiż-latura 2014-2019, il-Parlament kien xhud għal żieda sinifikanti fil-volum tat-talbiet, principally b'rizzultat ta' kampanji li jidħru kkoordinati ta' mobilizzazzjoni biex jintbagħtu talbiet dwar kwistjonijiet topiċi. Fl-aktività normali tagħha, l-unità twieġeb għall-korrispondenza bil-lingwa uffiċjali li c-ċittadin ikun bagħat l-ittra jew l-email tiegħu biha. Fl-2016, is-servizz irċieva 8 967 ittra jew email individwali miċ-ċittadini, u 82 923 talba bħala parti minn kampanji organizzati.
129. Fuq is-sit tal-Parlament fuq l-internet, ġiet żviluppata pjattaforma apposta, li ssejħet AskEP.net, fejn hemm pubblikament disponibbi varjetà ta' “Tweġibiet tal-PE” għall-mistoqsijiet frekwenti li jsiru. Attwalment tkopri madwar 50 suġġett. Qed isiru arraġġamenti paralleli biex jiġi installat terminal interattiv rigward il-kwistjonijiet taċ-ċittadini fil-Parlamentarium.

C.7 Attivitajiet oħra

130. Fl-2016, beda programm ta' ħidma pluriennali ġidida għall-ghotjet fil-qasam tal-komunikazzjoni, li jkopri żewġt oqsma, il-Media u l-Avvenimenti, għall-perjodu 2016-2019. Huwa jikkonsisti fil-kofinanzjament tal-proġetti, magħiżula permezz ta' sejħa għal proposti bi qbil mar-Regolament Finanzjarju, li jkunu mmirati biex iqajmu l-kuxjenza rigward ir-rwol tal-Parlament, kif ukoll is-setgħat u n-natura politika tiegħu, jiddisseminaw l-informazzjoni dwar il-Parlament u l-aktivitajiet tiegħu, u jkattru l-għarfien u l-fehim tat-tliet pilastri li l-Parlament jopera madwarhom, speċifikament il-politika, l-istrateġiji u l-valuri.
131. L-ghotjet fil-qasam tal-Media (televiżjoni, radju, internet) jiġu implementati abbażi tal-ftehimiet ta' sħubija pluriennali ma' għadd limitat ta' mezzi medjiati fl-Istati Membri li jilħqu biss ammont minimu ta' nies, filwaqt li l-ghotjet fil-qasam tal-Avvenimenti jingħataw direttament lill-organizzazzjoni ġiet eliġibbli bbażati fl-Istati Membri. Fil-kategorija tal-Media, ġew konklużi 102 sħubijiet u ngħataw 48 għotja fl-2016 għal ammont totali ta' EUR 3,9 miljun, mid-79 applikazzjoni li waslu. Fil-kategorija tal-Avvenimenti, ingħataw 18-il għotja fl-2016 għal ammont totali ta' EUR 0,8 miljun, mill-64 proposta li waslu.

132. Ir-regoli dwar il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-gruppi tal-viżitaturi sponsorjati ġew riveduti permezz ta' deċiżjoni tal-Bureau f'Ottubru 2016 sabiex jitqawwew it-trasparenza tal-proċess u l-obbligu li jingħata rendikont tal-azzjonijiet f'dan ir-rigward.

D. Tkomplija tal-implementazzjoni tal-programmi pluriennali għar-razzjonalizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tas-setturi ta' qofol fl-amministrazzjoni tal-Parlament

D.1 Politika immobiljari

133. Il-politika immobiljari hija politika fuq żmien twil li ma ssegwix ir-ritmu annwali tal-baġit tal-UE. Sabiex tinkiseb l-aħjar riżultati possibbli fuq żmien twil, hemm bżonn ta' ppjanar fuq perjodu bejn il-ħames u l-10 snin, dejjem waqt li titqies l-evoluzzjoni tal-bżonnijiet fuq prospettiva ta' 20-25 sena. Il-proġetti immobiljari spiss jirrikjedu finanzjament fuq diversi snin; għaldaqstant huwa fundamentali li jkun hemm ippjanar xieraq għal ġestjoni finanzjarja tajba.
134. L-akkwiżizzjoni tal-bini ilha l-politika ewlenja tal-Parlament fir-rigward tal-investiment infrastrutturali minn mindu bdiet tapplika d-deċiżjoni tal-1992 tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu li stabbilit is-sedi tal-istituzzjonijiet tal-UE. Ir-rinnovament tal-bini min-naħa l-oħra huwa attivitā relativament ġdida li, minħabba l-fatt li l-korp tal-bini qed jiġi, se tikber fl-importanza. Fis-snin li ġejjin, huwa mistenni li se jkun hemm rinnovamenti importanti tal-binijiet il-kbar, bħall-Bini Paul-Henri Spaak.
135. Se jkun hemm bżonn li l-Bureau jieħu deċiżjoni dwar ir-rinnovament tal-Bini Paul-Henri Spaak u l-miżuri relatati.
136. Fl-2016, il-proġetti immobiljari fit-tliet postijiet tax-xogħol u fl-uffiċċji tal-informazzjoni komplew kif deskrirt hawn taħt:

Brussels

137. F-Ġunju 2014, għalkemm kien fadal xi xogħlijiet x'jiġi ffinalizzati mis-sid, madwar 1 000 membru tal-persunal daħlu fil-bini fi Square de Meeūs. Dan iċ-ċaqliq kien 1-ewwel stadju kruċjali fil-proċess biex spazju addizzjonali jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-gruppi politiċi fil-binjiet prinċipali u ppermetta li jiġi evitat ċaqliq importanti ta' uffiċċji tal-Membri matul il-leġiżlatura.
138. Bejn id-data meta l-bini ġie okkupat f-Ġunju 2014 u April 2016, ix-xogħlijiet li kienu taħt ir-responsabilità tas-sid ġew iffinalizzati. Intlaħaq ftehim mas-sid li kien jikkonsisti fl-aċċettazzjoni provviżorja tal-bini, ħlas għall-okkupanza tal-bini minn Ġunju 2014 u d-dħul fis-seħħ tal-kuntratt ta' użufrutt. Il-Bureau approva dan il-ftehim waqt il-laqgħa tiegħu tal-14 ta' Diċembru 2015; il-kuntratt ta' użufrutt fuq 12-il sena kien digħi ġie approvat fl-2013.
139. L-ewwel fażi tal-kostruzzjoni tal-Bini Martens ġiet iffinalizzata fl-2016 u t-trasferiment mill-promotur lill-Parlament sar lejn tmiem Ġunju 2016. Fit-tieni fażi tal-proġett, li għaddejja attwalment, il-Parlament huwa responsabbli għax-xogħlijiet ta' sistemazzjoni u adattament. It-tielet fażi se tinvolvi l-installazzjoni tal-għamara u t-tagħmir. Huwa previst li dawn l-attività jitestew u li l-bini jiġi kkonsenjat fl-ewwel semestru tal-2018.
140. Waqt il-laqgħa tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2015, il-Bureau awtorizza lis-Segretarju Ġenerali jiffinalizza n-negożjati biex jiġi ffīrmat kuntratt ta' użufrutt fuq żmien twil għaċ-Ċentru għat-Taħriġ Professjonal l-ġdid. Għal dan l-għan, se jiġi għarr il-bini Montoyer 63 li teknikament sar obsolet u c-ċentru għat-taħriġ se jinbena fl-istess post. Fil-bidu tal-2016 ġie ffīrmat kuntratt ta' użufrutt fuq 21 sena. Għall-24 xahar li se jkun hemm bżonn biex jinbena c-ċentru għat-taħriġ, temporanġament qed jinkera l-bini Belmont Court mingħand l-istess fornitur.
141. Waqt il-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Settembru 2016, il-Bureau ddeċċieda li jeżerċita l-fakultà li jixtri l-bini Montoyer 75 bil-prezz ta' EUR 1,00. Fl-2005, il-Parlament kien iffirma kuntratt għal kirja twil bil-fakultà li jixtri wara li l-pagamenti tal-kirja li jkunu saru fuq perjodu ta' 10 snin ikunu koprew is-somma ta' kemm ikun jiswa l-bini.
142. Waqt il-laqgħa tiegħu tal-11 ta' Novembru 2016, il-Bureau approva l-estensjoni tal-iskola materna ta' Wayenberg. Inizjalment, l-iskola materna fetħet fl-2005 u l-Parlament huwa sid il-post. Huwa ppjanat li x-xogħlijiet se jitestew fl-2019.
143. It-trasferiment provviżorju tal-bini Eastman li jospita Dar l-Istorja Ewropea sar fl-2016. Fil-livell arkitettoniku, il-proġett ħa bini eżistenti li ma kienx ġie ddisinjat bħala mużew u ttrasformah feżempju ta' arkittura u disinn kontemporani fl-avanguardja li joffru ambjent addatt għal mużew importanti ġdid.

Il-Lussemburgu

144. Il-proġett KAD (Konrad Adenauer) jikkostitwixxi l-assi ewlenija tal-politika immobiljari tal-Parlament fil-Lussemburgu. Il-Bini KAD il-ġdid se jikkonsolida l-attivitàet fil-Lussemburgo f'kumpless immobiljari wieħed bil-ħsieb li jiġi rrazjonallizzati l-ispejjeż. Il-proġett jinkludi żewġ fażijiet: il-kostruzzjoni fuq is-sit “tal-Lvant” u l-kostruzzjoni fuq is-sit “tal-Punent”. Skont il-kalendaru previst, ix-xogħlijiet fuq is-sit tal-Lvant se jittlestew fl-2018 u dawk fuq is-sit tal-Punent fl-2021. B'segwitu għad-deċiżjoni tal-Bureau tas-6 ta' Lulju 2015, id-deċiżjoni dwar il-ġejjieni tal-bini KAD l-antik tħalliet għall-bidu tal-leġiżlatura li jmiss. Hekk kif għamel fis-snin preċedenti, fl-2016 il-Kumitat għall-Bagħiż awtorizza trasferiment ta' tmiem is-sena għall-prefinanzjament tal-proġett. Dan it-trasferiment ammonta għal EUR 53,5 miljun (ara t-Taqsima I.H. dwar it-trasferimenti).
145. Sakemm isir disponibbli l-Bini KAD il-ġdid, hemm bżonn li l-kirja fuq il-Bini GEOS tiġi estiża. Għaldaqstant, ġiet innegozjata estensjoni se tmiem l-2018.

Strasburgu

146. Le bâtiment Havel a été construit en 1955 et a été la propriété du Conseil de l'Europe. En 2012, il a été acquit par le Parlement et a ensuite fait l'objet d'une rénovation complète avec une mise aux normes en vigueur. Ce projet comporte deux parties; la rénovation du bâtiment proprement dit et une passerelle de liaison avec le bâtiment PFLIMLIN et aménagements des abords. Le projet a bien avancé en 2016 et la mise en service est prévue pour le printemps 2017.
147. Fi Strasburgu qed jinbena wkoll Parlamentarium fil-qafas tal-modernizzazzjoni taż-żoni ta' akkoljenza. Ix-xogħlijiet bdew fl-2016 u għamlu progress tajjeb. Il-ftuħ huwa ppjanat fl-2017.

L-Uffiċċji tal-Informazzjoni

148. F'Berlin, ix-xogħlijiet fuq il-kostruzzjoni ta' mini Parlamentarium imsejjaħ “Europa Experience” fil-pjan terran ta' Dar l-Ewropa ġew iż-żejjek fl-2016. L-“Europa Experience” nfetħet f'Mejju 2016 u toffri l-possibilità lill-viżitaturi biex isiru jafu aktar dwar il-politika fil-livell Ewropew.
149. FLjubljana, ix-xogħlijiet ta' sistemazzjoni speċifika f'Dar l-Ewropa l-ġdidha ġew approvati nhar is-27 ta' Settembru 2016. L-okkażjoni ntużat biex jiġi installati elementi interattivi tal-“Europa Experience” fl-ispazju pubbliku sabiex isir iktar attraenti. Lejn nofs Ottubru 2016, is-servizzi ċċaqlqu lejn il-bini l-ġdid.
150. Waqt l-2016, ġew iffirmsati l-klawżoli dwar l-estensjoni tal-kirjet għal Djar l-Ewropa f'Varsavja, Pariġi u Barċellona.
151. Ix-xogħlijiet għall-estensjoni tal-kapaċità ta' Dar Jean Monnet f'Bazoches u t-titjib tal-istandard tal-faċilitajiet tagħha t-testew fl-2016. Il-bini se jintuża b'mod aktar estensiv mill-Parlament għal għadd ta' programmi emblematiċi fl-oqsma tat-tagħlim u l-iżvilupp, kif ukoll għal avvenimenti oħra.

Politika dwar il-manutenzjoni

152. Għiet implementata programmazzjoni pluriennali tax-xogħlijiet ta' manutenzjoni u tiswija. Għall-2016, jistgħu jissemmew xi punti notevoli:
153. Fi Brussell, nistgħu nsemmu l-istudju dwar il-possibilitajiet biex jittejbu l-użu tal-liftjet u t-traffiku vertikali tal-utenti tal-Bini Spinelli (għaddej), it-tlestija tal-ewwel fażi ta' rinnovament tat-tagħmir elettriku tal-Bini Wiertz, ir-rinnovament tal-kaldarun għat-tisħin tal-Bini Remond u x-xogħlijiet indispensabbli biex jiġi garantit li l-kaldarun għat-tisħin tal-Bini Spaak ikompli jservi. Ir-rinnovament tal-kabina fejn jgħaddi l-elettriku b'volta għolli fil-Bini Atrium tiesta. Ix-xogħlijiet preparatorji rigward is-sejħiet għal offerti għall-modernizzazzjoni tas-sistemi ta' ġestjoni teknika ċentralizzata u tal-apparat li jirrileva n-nirien.
154. Fi Strasburgu, l-azzjonijiet ewleni li saru fl-2016 huma r-rinnovament tal-uffiċċju u s-sostituzzjoni tal-pompi tat-tisħin fil-Bini Weiss, kif ukoll ir-rinnovament tas-sistemi ta' sigurtà kontra n-nirien u s-sistemi ta' ġestjoni teknika ċentralizzata fil-Bini Madariaga.

155. B'segwitu għall-inċident tas-saqaf fl-Emiċiklu ta' Strasburgu u r-rikostruzzjoni immedjata tiegħu fl-2008, il-Parlament bi prekawzjoni kompla bl-ispezzjonijiet tas-soqfa tas-swali, il-kamar u ż-żoni ta' ċirkolazzjoni l-aktar importanti fil-Bini Weiss. B'segwitu għal dawn l-ispezzjonijiet, instabu għadd ta' difetti u każijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-istards u r-regoli fil-qasam tal-kostruzzjoni. Il-Parlament fetaħ kawża kontra l-assiguratur tiegħu u l-impriżi li ħadmu fuq il-kostruzzjoni tal-elementi li saritilhom il-ħsara, id-dirigenza responsabbli mix-xogħol u d-dirigenza responsabbli għal-kostruzzjoni, kif ukoll kontra l-uffiċċċi ta' kontroll responsabbli biex jissorveljaw il-kostruzzjoni. Peress li l-qasam huwa wieħed ta' natura teknika ferma, il-Qorti ddeżejnjat tim ta' tliet esperti u fdatlu l-kompli li jistabbilixxi l-kawżi tal-inċidenti u jevalwa d-dannu li sar lill-Parlament. Dan it-tim ta' esperti indirizza wkoll problema oħra li ġiew skoperta: l-istat ħażin tal-protezzjoni tal-istruttura metallika (materjal ta' iż-żolament) li tirfed is-saqaf tal-bini. Dan ix-xogħol ta' perizja ġie konkluż nhar il-31 ta' Marzu 2016, u ppermetta li l-proċediment ġudizzjarju jkompli bl-intenzjoni li jew jintlaħaq qbil amikevoli jew inkella tittieħed deċiżjoni ġudizzjarja. Peress li l-aspett tekniku tad-dossier ġie konkluż, ix-xogħliji ewlenin setgħu jinbdew fl-2016 u se jintemmu fl-2017.
156. Fir-rigward tal-attivitàjiet ta' manutenzjoni fil-Lussemburgo, minħabba l-ottimizzazzjoni tas-servizzi ta' tindif, kif ukoll l-aġġudikazzjoni ta' żewġ kuntratti ġodda relatati mas-servizzi ta' tindif u l-manutenzjoni tal-ispazji ppjantati, ġie iffrankat ammont konsiderevoli ta' riżorsi fis-snin 2015 u 2016 meta mqabbla mal-2014 (meta bdiex l-ottimizzazzjoni tas-servizzi). Id-dħul fis-seħħ tal-kuntratt dwar xogħliji strutturali u ta' finitura fi Frar 2016 ippermetta li tiżdied il-kwalità tas-servizz, jitnaqqas id-dewmien qabel intervent, jinkisbu l-aħjar prezziżżejjiet u tiġi ssemplifikata l-ġestjoni amministrattiva.

D.2 Politika ambientali

157. Il-Parlament jirrikonoxxi li għandu dmir li jagħti kontribut pożittiv għall-iżvilupp sostenibbi bħala objettiv fuq żmien twil, mhux biss permezz tar-rwl politiku tiegħu u r-rwl tiegħu fil-proċeduri leġiżlattivi, iżda anke fil-kuntest ta' kif jopera u d-deċiżjonijiet li jieħu minn ġurnata għall-oħra.
158. Minħabba dan l-impenn fil-livell ambientali, il-Parlament juża l-Iskema ta' Mmaniġġjar u Awditjar Ekoloġiċi (EMAS), li hija strument ta' ġestjoni tal-Unjoni Ewropea għall-organizzazzjonijiet privati u pubbliċi biex jevalwaw u jtebju l-prestazzjoni tagħhom fil-livell ambientali bi qbil mar-Regolament (KE) 1221/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-parteċipazzjoni volontarja ta' organizzazzjonijiet fi skema Komunitarja ta' ġestjoni u verifika ambientali (EMAS) li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 761/2001 u d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 2001/681/KE u 2006/193/KE⁽²⁷⁾. Il-Parlament ilu minn Diċembru 2007 rreġistra fit-tliet postijiet tax-xogħol tiegħu. Fl-2016, ir-reġistrazzjoni ġiet estiżha b'suċċess sas-17 ta' Diċembru 2019.
159. Bi qbil mal-Manwal Ambjentali tal-Parlament, il-Bureau stabbilixxa l-Politika Ambjentali li ġiet issfirmata mill-President u mis-Segretarju Ġenerali fisem l-Istituzzjoni, inizjalment fl-2007 u fforma riveduta fl-2010. Peress li l-Politika Ambjentali suppost tiġġedded waqt kull leġiżlatura, fl-2016 il-Bureau approva dokument rivedut li ġie ffirmat mill-President u s-Segretarju Ġenerali.
160. Kumplessivament, is-Sistema ta' Ġestjoni Ekoloġika fil-Parlament irnexxiet. Il-Parlament stabbilixxa objettivi biex inaqqas l-emissjonijiet ta' CO₂, il-konsum tal-elettriku, il-konsum tal-gass, taż-żejt għat-tisħin u tat-tisħin distrettwali, il-konsum tal-karti u tal-ilma, u l-produzzjoni ta' skart, kif ukoll biex iżid ir-rata tal-iskart irriċiklat. Mill-2006, il-biċċa l-kbira tal-indikaturi ambientali maru għall-aħjar.
161. Wieħed mill-objettivi ewlenin tal-Parlament huwa li, sal-2020, inaqqas l-emissjonijiet ta' karbonju bi 30 %. Sa Settembru 2015, il-Parlament kien digħi kiseb tnaqqis konsiderevoli ta' 27,2 % meta mqabbel mal-2006. Filwaqt li l-politika ambientali tal-Parlament hija bbażata l-ewwel nett fuq il-prevenzjoni jew il-limitazzjoni tal-emissjonijiet, il-miżura ta' kumpens għall-emissjonijiet ta' karbonju hija waħda utli u kompensatorja fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Għalkemm il-miżuri ta' kumpens ma jistgħux jitqiesu meta tkun qed tiġi kkalkulata u possibilment imnaqqsa l-impronta tal-karbonju residwa, jistgħu jiġi applikati f'dawk il-każijiet fejn l-emissjonijiet ta' karbonju propriji jkunu inevitabbi jew ma jistgħux ikompli jitnaqqsu.
162. Il-kumpens għall-emissjonijiet ta' CO₂ ifisser li jinxtraw krediti ta' kumpens li jpaċċu l-emissjonijiet ta' CO₂ tax-xerrej innifsu. Il-krediti ta' dan it-tip jinkisbu permezz ta' appoġġ finanzjarju għall-proġetti fl-oqsma tal-enerġija rinnovabbli jew tal-effiċċenza enerġētika, li jkunu mmirati biex inaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet bl-effett ta' serra fkuntest globali.

⁽²⁷⁾ ĠU L 342, 22.12.2009, p. 1.

163. Il-Parlament iddeċċieda inizjalment fl-2011 li jimplimenta skema ta' kumpens għall-emissionijiet ta' CO₂. Wara li qies l-esperjenza miksuba tul is-snin, f'Ottubru 2015, il-Bureau ddeċċieda dwar approċċ ġdid lejn il-miżuri ta' kumpens għall-emissionijiet ta' karbonju. Din id-deċiżjoni tqis ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri inklużi fir-Rapport Speċjali Nru 14⁽²⁸⁾ tagħha ta' Ottubru 2014. B'differenza milli kien jiġi preċedentement, l-approċċ il-ġdid jipprevedi l-kumpens għall-ammont totali tal-emissionijiet ta' karbonju tal-Parlament, inklużi l-emissionijiet mit-titjiriet li l-Membri tal-Parlament jagħmlu bejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom u Brussell jew Strasburgu. Barra minn hekk, jippermetti li jkun hemm proġetti bi priorità fil-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paciċiku u jinkorpora l-“Gold Standard” li għandu rikonoxximent estensiv bħala standard ta' kwalità għall-proġetti ta' kumpens fil-pajjiżi li qed jiżviluppa.
164. Fl-2016, l-approċċ il-ġdid lejn il-miżuri ta' kumpens għall-emissionijiet ta' karbonju ġie applikat u l-Pjan ta' Azzjoni EMAS għas-sena ġie implimentat b'suċċess. Il-Pjan ta' Azzjoni EMAS għall-2017, ibbaż fuq l-Istrateġija EMAS fuq żmien medju għall-2016-2020, ġie adottat mill-Grupp ta' Tmexxija Inter-DG dwar il-Ġestjoni Ambjentali.
165. Element partikolari mill-Politika Ambjentali tal-Parlament huwa l-impenn favur l-“Akkwist Pubbliku Ekoloġiku” (APE) li, fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar Akkwist pubbliku għal ambjent aħjar, ġie ddefinit bħala: “...proċess li permezz tiegħu l-awtoritajiet pubbliċi jiksbu prodotti, servizzi u xogħliljet li jkollhom inqas impatt fuq l-ambjent matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom meta mqabbla ma’ prodotti, servizzi u xogħliljet li kieku jinkisbu u li jkollhom l-istess funzjoni primarja”⁽²⁹⁾. F-dan l-aħħar deċennju, l-APE sar aspett dejjem iż-żejjed importanti tal-attivitajiet tal-korpi pubbliċi fl-Ewropa. FGħidu 2016, ġiet approvata l-“Gwida tal-PE għall-Implimentazzjoni tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku”. Din tfasslet biex tgħin lill-ufficijali tal-awtorizzazzjoni fil-Parlament jniedu b'suċċess politiki u proċeduri fl-ambitu tal-akkwist ekoloġiku. Tispjega l-possibilitajiet li joffru l-istumenti ġuridiċi fis-seħħ (ir-Regolament Finanzjarju u r-Regoli tal-Applikazzjoni tiegħu) b'mod prattiku, u teżamina soluzzjonijiet sempliċi u effikaċi li jkunu jistgħu jintużaw fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku.
166. B'segwitu għall-esperjenzi li nkisbu matul il-fażi ta' ttestjar tas-Servizz ta' Assistaġġ tal-Parlament fil-qasam tal-Akkwist Pubbliku Ekoloġiku, li twaqqaq biex jakkumpanja l-approċċ APE, fl-2016 tniedi proċedura ta' akkwist interistituzzjonali għal dan il-proġett, li akkomunat is-sahħha tax-xiri ta' diversi iċtituzzjonijiet Ewropej.
167. Fl-2016 saru diversi attivitajiet ta' komunikazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni bħall-avveniment “Jum id-Dinja” u l-“Gimħa l-Ħadra Interistituzzjonali” u f'Ottubru 2016 il-Parlament ingħata t-Tikketta Belġiana “Entreprise Eco Dynamique”.

D.3 Politika dwar il-forniment tal-ikel

168. Fl-2016 tkomplew l-isforzi ta' riforma mmirati biex jimmodernizzaw l-operazzjonijiet ta' forniment tal-ikel fil-Parlament sal-2019, kif stabbilit fid-deċiżjoni tal-Bureau tal-10 ta' Ġunju 2013, “Il-politika futura dwar il-forniment tal-ikel tal-Parlament għall-2014-2019 — Linji gwida għall-modernizzazzjoni”.
169. Element importanti tal-politika dwar il-forniment tal-ikel huwa l-kuntratti ta' “prezz fiss” mhux issussidjati. Fi Strasburgu, nhar l-1 ta' Novembru 2016, daħal fis-seħħ kuntratt ġdid mhux issussidjat mill-Parlament. Fi Brussell, fornitur ġdid kien digħi beda jopera fl-2015 taħt kuntratt mhux issussidjat. Fil-Lussemburgo, il-kalenderju tal-bidliet kuntrattwali se jiġi allinjat mal-konklużjoni tal-Bini KAD il-ġdid.
170. L-offerta tal-ikel gradwalment ġiet iddiversifikata u nfetħu kantins u ristoranti ġoddha fi Brussell u fi Strasburgu. Fil-Bini Spinelli, f'Settembru 2016 infetaħ punt għall-bejgħ ta' ikel organiku u f'Novembru 2016 infetaħ ristorant stil Mediterranean. F'Novembru 2016 reġa' fetaħ ukoll il-punt għall-bejgħ tas-sandwiches. Fil-binjiet Square de Meeūs u Trèves, inħolqu żewġ kantins ġoddha. Fi Strasburgu, f'Marzu 2016 infetaħ punt għall-bejgħ ta' ikel frisk take away u f'Awwissu 2016 ġiet estiża l-kantin fil-Bini Weiss. Minn Lulju 2016 qed jitħaddem proġett pilota fil-Bar des Députés li sar iservi ikel sħun kontinwament b'restrizzjonijiet ta' ħin sabiex jipprovdi għal drawwiet alimentari u hinnej tal-ikel differenti.
171. B'mod li jittejbu s-sahħha u l-bennessri fuq il-post tax-xogħol, ġie deċiż li jiġu promossi għażiela alimentari aħjar għas-sahħha u li jingħata appoġġ għall-alternattivi alimentari aktar sostenibbi fil-faċilitajiet tal-ikel tal-Parlament. Għaldaqstant, l-aktar kuntratti reċenti fir-rigward tar-ristoranti/forniment tal-ikel u s-servizzi ta' distribuzzjoni awtomatizzata inkluwed rekwiżiti dwar l-aspetti tal-kummer ġust, it-tranżizzjoni lejn dieta aħjar, stili ta' ħajja li jkunu aħjar għas-sahħha u, importanti ħafna, il-ġlieda kontra l-ħela tal-ikel. Is-sejħiet għal offerti integrar kriterji għall-konsum ta' ikel sostenibbi, bħal prodotti staġjonali, il-bennesseri tal-annimali u offerta veġġetarjana.

⁽²⁸⁾ “L-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE kif jikkalkolaw, inaqqsu u jpaċu l-emissionijiet tagħhom ta' ‘gassijiet serra?’”

⁽²⁹⁾ COM(2008) 400, paġna 4.

172. L-għoti tal-ikel li ma jinbigħx lill-karità ffit fti qiegħed jidħol ukoll bħala prattika tajba fil-kantins u l-punti ta' bejgħ tal-Parlament. Element ieħor tal-politika dwar il-forniment tal-ikel huwa t-tnaqqis ulterjuri tal-użu tal-ilma minerali fil-fliexken waqt il-laqgħat u l-installazzjoni ta' funtani għax-xorb fiż-żoni ta' passaġġ.

D.4 Modernizzazzjoni tat-teknoloġiji ta' informazzjoni

173. Il-miżuri fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni biex jittejbu s-servizzi għas-seduta plenarja u l-forniment ta' dawn it-teknoloġiji lill-Membri fl-ufficċċi tal-kostitwenza tagħhom jinsabu deskritti hawn fuq fit-Taqsima III.B.4 ta' dan ir-rapport. Qed titkompla wkoll il-modernizzazzjoni ta' oqsma oħra tal-infrastruttura tal-Parlament fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u f'Novembru 2016 ir-rapport ta' nofs it-terminu dwar l-implimentazzjoni tal-Orrientazzjonijiet Strateġiċi għall-perjodu 2014–2019 ġie ppreżentat lill-Grupp ta' Ħidma tal-Bureau dwar it-Teknoloġiji tal-Informazzjoni u tal-Komunikazzjoni.
174. Skont dan ir-rieżżami ta' nofs it-terminu, il-kisbiet fir-rigward tal-pilastri strateġiċi ewlenin l-ewwel nett jinkludu l-evoluzzjoni tal-infrastruttura tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, is-sostituzzjoni ta' apparat li qed jiġi u l-eliminazzjoni gradwali tal-applikazzjonijiet li m'għadhomx meħtieġa. Il-miżuri f'dan il-qasam segwew l-evoluzzjoni tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni tul dawn l-aħħar snin, u jinkludu l-attivazzjoni ta' 18 000 sett telefoniku li jużaw teknoloġija IP u l-eliminazzjoni ta' 1 800 fax grazzi għas-servizz il-ġdid li jibġi faxes elettronikament permezz tal-posta elettronika. Eżempju ieħor huwa l-aċċessibilità ta' servizz WiFi għall-viżitaturi fil-Parlament bħala pass ieħor lejn Parlament aktar inklużiv fil-livell diġitali. Fir-rigward tal-eliminazzjoni gradwali tal-applikazzjonijiet li m'għadhomx meħtieġa, fl-2016 ġew identifikati 60 applikazzjoni li saru obsoleti u li jinsabu fil-fażi ta' verifikasi finali sabiex jiġi deaktivati.
175. Pilastru strateġiku ewleni importanti ieħor huwa t-tishħiħ tas-sigurta tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni f'dinja ta' komunikazzjoni miftuħa, u l-isfori f'dan il-qasam komplew fl-2016. Il-qasam tas-sigurta tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jinkludi l-elementi tal-governanza tas-sigurta, il-politiki dwar is-sigurta u l-inġinerija, u l-valutazzjonijiet tas-sigurta fl-ambitu ta' dawn it-teknoloġiji, kif ukoll il-kapaċċitajiet ta' ċiberdifiża u l-kultura ta' cibersigurta. F'dan il-qafas, il-Bureau approva l-ħatra tal-Ufficijal Kap fil-qasam tas-Sigurta Informatika f'Ottubru 2016.
176. L-iżvilupp ulterjuri ta' approċċ ta' innovazzjoni huwa għan strateġiku tal-Parlament, u fi Frar 2016, inħoloq is-servizz tal-innovazzjoni bil-missjoni li jippromwovi, iqanqal u jintrodu l-innovazzjoni tehnoloġika. Is-servizz tal-innovazzjoni jwettaq missjoni ta' monitoraġġ permanenti tat-teknoloġija sabiex jidher id-dokumenti bili-potenzjal li jkunu rilevanti għall-attivitajiet tal-Parlament minn stadiju bikri.
177. Fl-2016, ġew implementati wkoll diversi proġetti fil-qasam tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni li kienu kkunsidrati bħala strateġiċi. B'mod partikolari, għandu jiġi indikat li t-testet l-ewwel migrazzjoni teknika. L-integrazzjoni tal-intranet tal-PE u tal-intranets tad-Direttorati Ġenerali fil-Pjattaforma (SIFE) il-ġidha għadha għaddejja u l-Pjattaforma qed tiġi aġġornata. Il-proċess ta' validazzjoni tal-kontenut min-naħa tad-Direttorati Ġenerali għadu għaddej.
178. Il-proġett “Il-mobilità bħala metodu ta’ ħidma pluridimensjonal” jipprovd kunteż biex jiġi allinjati u mqanqla l-vantaġġi li kumplessivament tista’ ġġib magħha l-mobilità lill-Parlament. L-istudju dwar l-impatt tal-mobilità fuq il-proċessi tal-Parlament tlesta fl-2016. Intlaħaq qbil dwar ir-rwoli u r-responsabilitajiet u fl-2017 il-Kumitat ta’ Tmexxija se jadotta approċċ maqsum ffażjiet fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-proġett. L-għan huwa li jiġi żviluppat katalogu ta’ servizzi għall-mobilità.
179. Il-proġett “Id-diġitalizzazzjoni tal-katina tal-akkwist pubbliku” huwa mmirrat lejn it-tranżizzjoni għal proċeduri ta’ ħidma kompletament elettroniċi, inkluż it-tressiġ tad-dokumenti fil-qasam tal-akkwist pubbliku, sabiex “iż-żmien sal-kuntratt” jitqassar billi tintuża sistema li tqiegħdet għad-dispożizzjoni mill-Kummissjoni Ewropea. Id-disinn tal-“Katina tal-akkwist pubbliku” għie approvat; is-sistema għal aċċess elettroniku komplut u dirett għet implimentata fl-2016. Matul is-sena ġew organizzati sessjonijiet ta’ ħidma fir-rigward tal-għoddha e-Submission, e-Request u e-Invoicing. Il-passi li jmiss se jiffokaw fuq l-aspetti fil-qasam tas-sigurta u l-funzjonalità tal-għoddha e-Submission u ta’ dik li tkopri l-fażi ta’ qabel l-akkwist.
180. Proġett importanti ieħor tal-Parlament huwa l-proġett il-ġidid għas-Sistema ta’ Ġestjoni Finanzjarja, li jinsab deskrirt hawn taħt fit-Taqsima III.E.1.
181. Apparti l-kisbiet digħi msemija fir-rigward tal-pilastri strateġiċi ewlenin, fl-2016 il-Parlament kompla bil-kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet l-oħra tal-UE. Ġew implementati diversi proġetti komuni, u qasam importanti ta’ kooperazzjoni huwa s-sigurta tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni. Barra minn hekk, intlaħaq qbil dwar format XML komuni għall-iskambju ta’ kontenut leġiżlattiv strutturat u ta’ dokumenti bejn l-istituzzjonijiet tal-UE.

E. Miżuri oħra ta’ modernizzazzjoni

E.1. Ġestjoni finanzjarja u baġitarja

182. Is-Sistema ta’ Ġestjoni Finanzjarja għandha l-għan li ttejjeb il-viżibilità u d-disponibilità ta’ informazzjoni kruċjali għad-deċiżjonijiet dwar ir-riżorsi umani, informatiċi u finanzjarji disponibbli u l-użu tagħhom, iż-żid l-effikaċċja tal-proċeduri finanzjarji ċentrali essenzjali billi tandardizzahom u tawtomatizzahom, u tippordi soluzzjoni għall-problema li ċerti applikazzjonijiet informatiċi eżistenti daqt isiru obsoleti, speċifikament is-sistemi tal-kontabilità ġenerali u baġitarja u s-sistema ta’ ħlas.

183. Fl-2016, ġie konkluż l-istadju tal-eżami tal-alternattivi u ġie kkonfermat li s-sistema SAP hija l-aħjar għażla. L-istruttura tal-ġestjoni u l-governanza tal-proġett ġiet riveduta f'Ottubru 2016 u s-sjeda tal-proġett ġiet trasferita lejn id-Direttorat Ġenerali għall-Finanzi (DG FINS).

E.2. Titjib tas-servizzi għall-Membri: Il-Portal għall-Membri u l-e-Portal

184. Fir-rigward tad-drittijiet finanzjarji u soċjali tal-Membri, waqt il-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Ottubru 2015, il-Bureau adotta approċċ-ġdid bl-għan li jqawwi l-orjentament lejn il-klijent u jnaqqas il-piż amministrattiv għall-Membri. Żewġ strumenti se jiżvolġu rwol deċiżiv biex jinkiseb dan l-objettiv: il-Portal u l-e-Portal.
185. Il-Portal huwa punt ta' servizz uniku fejn huma integrati s-servizzi kollha relatati mal-formalitajiet marbuta mad-drittijiet finanzjarji u soċjali u sar kompletament operattiv f'Lulju 2016 filwaqt li l-kontroparti elettronika tiegħu, l-e-Portal, ilha aċċessibbli minn Jannar 2015. Il-Portal jipprovdi lill-Membri b'informazzjoni fil-qosor rigward ir-regoli fis-seħħ u l-istatus ta' drittijiethom. Jistgħu jitressqu l-formoli ta' aplikazzjoni u l-verifikasi preliminari jsiru immedjatamente. Ffaži sussegwenti, il-fajls jiġu vverifikati minn persunal amministrattiv speċjalizzat f'kull unità b'approċċ-personalizzat.

E.3. Ġestjoni tar-riżorsi umani

186. Ir-reviżjoni tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' Implantazzjoni u tar-Regoli Interni b'segwitu għad-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti tal-Persunal il-ġodda kompliet fl-2016. Il-bidliet kollha relatati mal-ġestjoni tal-karrieri ġew implementati. Id-Direttorat Ġenerali għall-Persunal fassal regoli interni ġodda dwar il-valutazzjoni tal-persunal, l-għoti tal-punti ta' mertu, kif ukoll aġġornament tal-kodiċi ta' kondotta, li huma soġġetti għal konsultazzjoni ulterjuri u approvazzjoni. Ir-rieżami tar-regoli dwar il-missionijiet għadu għaddej.
187. L-opportunitajiet indaqs jibqgħu wieħed mill-elementi essenzjali tal-politika dwar il-ġestjoni tar-riżorsi umani tal-Parlament. Nhar is-27 ta' April 2015, il-Bureau approva l-pjan ta' azzjoni għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diversità għal din il-leġiżlatura, jiġifieri sal-2019. Il-pjan ta' azzjoni jiddeskrivi objettivi speċifiċi u fl-2016 kompliet l-implementazzjoni tal-miżuri relatati.
188. Waqt il-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Settembru 2016, il-Bureau approva l-introduzzjoni ta' skema ta' telexogħol okkażjonali għas-Segretarjat Ġenerali tal-Parlament. Anke l-gruppi politiċi jistgħu jiddeċiedu li jaapplikaw din l-iskema. Filwaqt li jissalvagħwardja l-interessi tas-servizz u l-organizzazzjoni effikaċi tal-ħidma tal-istituzzjoni, il-Parlament xtaq jimplema arrangġamenti flessibbli u moderni għall-ġestjoni tal-persunal sabiex itejjeb il-prestazzjoni u l-motivazzjoni tal-persunal billi jippromwovi bilanç aħjar bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. L-attakki terroristiċi fi Franza u l-Belġju u t-tfixxil li rriżulta għall-ħidma tal-persunal tal-Parlament kienu raġuni oħra biex jitwaqqaf qafas legali biex il-persunal tal-Parlament ikun jista' jaħdem mid-dar. It-telexogħol okkażjonali għandu jippermetti li l-membri tal-persunal jaħdmu mid-dar fuq bażi *ad hoc*, għal massimu ta' tlitt ijiem kalendarji konsekkutivi u għal mhux aktar minn 36 jum ta' xogħol għal kull sena kalendarja.

E.4. Infiq relataż mal-assistenza parlamentari

189. Il-Bureau, fil-laqgħa tiegħu tas-26 ta' Ottubru, adotta emendi għall-Miżuri ta' Implantazzjoni tal-Istatut tal-Membri, spċċifikament fir-rigward tal-assistenza parlamentari. Dawn daħlu fis-seħħ nhar l-1 ta' Jannar 2016 u fost affarrijiet oħra inkludew dawn il-bidliet: 25 % tal-allowance għall-assistenza parlamentari trid tiġi riżervata għar-reklutaġġ ta' assistenti parlamentari akkreditati, b'mod li l-allokazzjoni tal-infiq fuq l-assistenti u l-fornituri ta' servizzi lokali tiġi limitata għal 75 %. Dan il-provviment huwa maħsub biex itejjeb il-bilanç bejn l-assistenti lokali u l-assistenti akkreditati, li ġiet indikata l-ħtieġa għalih fil-mument tal-kwittanza fir-rigward tas-sena 2013. L-ammont assolut tal-kuntratti għal assistenza parlamentari fis-seħħ għal kull Membru ma jridx ikun iktar minn tliet — fkażiġiet eċċeżżjonali jista' jkun hemm erbgħa.
190. Fir-rigward tal-assistenti lokali, b'rīzultat tal-emendi, is-salarji u l-ħlasijiet tal-assistenti lokali saru soġġetti għal limiti minimi ta' referenza, bl-għan li jitraq żan ir-riskju li l-paga tista' tvarja b'mod eċċessiv mill-paga medja fl-Istatu Membri. Barra minn hekk, flimkien mat-talba għal reklutaġġ, irid jitressaq fajl komplut li jippermetti li jiġi vverifikat li l-ħidma li suppost se ssir minn assistent lokali tkun waħda ġenwina u li jiġi limitati r-riskji ta' interessa.

191. L-emendi huma maħsuba biex jiċċaraw li l-Membri jistgħu wkoll jagħmlu użu minn persuni fizċi jew ġuridiċi biex jipprovdulhom servizzi sabiex jiksbu servizzi spċifici u identifikati b'mod ċar marbuta direttament mal-eżercċitar tal-mandat parlamentari tagħhom. L-obbligu li jiġi ppubblikati l-ismijiet tal-persuni fizċi u ġuridiċi kollha li l-ispejjeż tagħhom jithallu mill-allowance ta' assistenza parlamentari qed jiġi estiża għad-durata tal-kuntratt ta' dawn il-persuni. Dan qed jiġi bi qbil mal-prinċipju tat-trasparenza previst mit-Trattati (³⁰) li l-importanza tiegħu tfakkar, b'mod partikolari, mill-Ombudsman Ewropew (³¹).

F. L-impatt tal-vot favur Brexit

192. B'segwitu għar-referendum li sar fit-23 ta' Ġunju 2016 fir-Renju Unit ("il-vot favur Brexit"), il-Bureau ddiskuta l-konsegwenzi waqt il-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Lulju 2016. Il-President issottolinja li, sakemm ir-Renju Unit jibqa' membru sħiħ tal-Unjoni Ewropea, il-Membri u l-persunal Brittaniċi tal-Parlament Ewropew se jgawdu mill-istess drittijiet u obbligi li għandhom il-Membri u l-persunal l-oħra kollha tal-istituzzjoni.
193. Ir-referendum kellu impatt konsiderevoli fuq is-segretarjati tal-kumitat, l-unitajiet ta' riċerka u s-servizzi orizzontali tad-Direttorati Ġenerali politiċi, li ntalbu jseguwa dan il-proċess u jħejju materjal analitiku abbażi ta' ħidma ta' ġbir ta' informazzjoni biex jikkunsidraw l-impatt tat-tluq tar-Renju Unit fuq l-oqsma ta' politika u l-leġiżlazzjoni fl-oqsma rispettivi tagħhom. Il-ħidma ġejjiena rigward din il-kwistjoni hija ta' natura legali kumplessa ħafna, iżda l-gharfiex espert li ġie akkumulat fis-segretarjati tal-kumitat u d-dipartimenti tematiki qiegħed lest biex jiġi mobilizzat matul il-fażċijiet sussegħenti tal-proċess ta' tluq abbażi tad-deċiżjonijiet politiċi li jittieħdu.

G. L-evoluzzjoni strutturali kumplessiva tas-Segretarjat Ġenerali (gruppi politiċi inklużi)

194. Waqt li kienu qed jiġi riveduti r-Regolamenti tal-Persunal u jiġi adottati l-perspettivi finanzjarji għall-2014-2020, ġie adottat ftehim interistituzzjonali li jipprevedi tnaqqis annwali ta' 1 % tal-karigi indikati fil-pjan ta' stabbiliment ta' kull istituzzjoni għal ħames snin. B'applikazzjoni ta' dan il-ftehim, ġew eliminati 57 kariga mill-pjan ta' stabbiliment għall-2016. Żewġ karigi addizzjonali ġew eliminati mill-pjan ta' stabbiliment tal-Parlament biex ġew trasferit lill-Kummissjoni Ewropea fil-qafas tal-implementazzjoni ta' proġetti informatiċi interistituzzjonali.
195. Barra minn hekk il-Parlament talab li jinħolqu 39 kariga supplimentari fil-pjan ta' stabbiliment fl-2016 biex jiġi indirizzati bżonnijiet spċifici, b'mod partikolari ir-rinforz tas-segretarjati tal-kumitat parlamentari b'mod li tiżdied il-kapaċità ta' skrutinju fuq l-awtorità eżekkutiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-atti delegati, kif ukoll ir-rinforz tas-servizzi ta' sigurtà fil-bini tal-Parlament.
196. L-implementazzjoni tal-ftehim interistituzzjonali dwar it-naqqis annwali ta' 1 % tal-membri tal-persunal minn kull istituzzjoni għal ħames snin għandha tibq'a għaddejja sal-2018 f'dak li jirrigwarda lill-Parlament. Madankollu, meta jitqiesu l-bżonnijiet spċifici tal-Parlament li wassla biex jinħolqu karigi ġodda fl-2014 u l-2016, il-miżuri ta' tnaqqis tal-karigi se jiġi estiżi għal sena oħra, sal-2019.
197. Kollox ma' kollox, tħassru 20 kariga mill-pjan ta' stabbiliment tal-baġit inizjali tal-2016 fil-livell tas-Segretarjat, filwaqt li żiddu 43 kariga temporanja fil-livell tal-gruppi politiċi. Fil-qafas tal-baġit emendantorju nru 3 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2016, ġew allokat 34 kariga addizzjonali fil-livell SC u waħda fil-livell AD lill-Parlament. Dan ir-rinforz kien meħtieġ biex tiġi assigurata s-sigurtà tal-punti strateġiċi ġewwa l-bini tal-Parlament minn gwardji armati.
198. Il-modifikasi prinċipali li saru għall-istruttura organizzattiva u għad-dirigenza tal-Parlament huma miġbura fil-qosor fit-tabella hawn taħt:

⁽³⁰⁾ Ara l-Artikolu 15 TFUE.

⁽³¹⁾ Ittra tat-30 ta' Settembru 2002 mill-Ombudsman Ewropew lill-President tal-Kummissjoni Ewropea.

Tabella 19

Sinteżi tar-ristrutturar fis-Segretarjat tal-Parlament fl-2016

Direttorat Ġenerali	Ristruttur u modernizzazzjoni
DG PRES Presidenza	<p>Mill-1 ta' Settembru 2016, id-Direttur Ġenerali li kien ġie sekondat fil-Kabinet tal-President f'Lulju 2014, reġa' daħal fdik il-kariga, li sa dakinar kienet okkupata minn Direttur Ġenerali interim. Mill-1 ta' Novembru 2016, id-Direttur Ġenerali tad-DG PRES beda jokkupa wkoll il-kariga ta' Deputat Segretarju Ġenerali.</p> <p>L-ex Uffiċċju tad-Deputat Segretarju Ġenerali sar ukoll mill-1 ta' Novembru d-Direttorat għall-Affarijiet Interistituzzjonal u l-Koordinament Leġiżlattiv il-ġid b'erba' unitajiet, li waħda minnhom ġiet trasferita mid-DG EPRS. L-unitajiet il-ġodda huma: l-Unità tal-Koordinament u l-Ippjanar Leġiżlattiv, l-Unità tar-Relazzjonijiet Interistituzzjonal, l-Unità tal-Informazzjoni Klassifikata u l-Unità tat-Trasparenza.</p> <p>Diversi pożizzjonijiet maniġerjali oħra ġew milquta minn tibdil matul l-2016.</p>
DG IPOL Politiki Interni	<p>L-ammont ta' membri tal-persunal tad-DG IPOL impiegati fis-segretarjati tat-tliet kumitati temporanji, TAXE2, EMIS u PANA, laħaq it-23. Il-Kumitat Speċjali dwar id-deċiżjonijiet fil-qasam tat-taxxa (TAXE2) twaqqaq permezz tad-deċiżjoni tal-Parlament tat-2 ta' Diċembru 2015 biex jibni fuq ix-xogħol li sar mill-Kumitat Speċjali TAXE u jikkompletah. Il-mandat tiegħu ntemm nhar it-2 ta' Awwissu 2016. Il-Kumitat ta' Inkesta dwar il-kejjl tal-emissionijiet fis-setturi awtomobilistiku (EMIS) ġie stabbilit b'segwitu għall-votazzjoni li saret fil-Plenarja nhar is-17 ta' Diċembru 2015; il-laqgħa kostituttiva saret fit-2 ta' Marzu 2016. Il-laqgħa kostituttiva tal-Kumitat ta' Inkesta inkarigat biex jinvestiga l-ħasil tal-flus, l-evitar tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa saret fit-12 ta' Lulju 2016.</p>
DG EXPO Politiki Esterni	Fl-2016, inħatar Direttur ġdid għar-Riżorsi.
DG EPRS Servizzi ta' Riċerka Parlamentari	<p>Nhar l-1 ta' Novembru 2016, l-Unità tat-Trasparenza li tieħu ħsieb l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-PE u r-Reġistru ta' Trasparenza, iċċa qalqlet fid-Direttorat Ġenerali għall-Presidenza (PRES).</p> <p>Lejn il-bidu tal-2016, it-trasferiment tal-aħħar grupp ta' 60 membru tal-persunal b'kollox miż-żewġ kumitati konsultativi — il-Kumitat Ekonomiku u Soċċjali Ewropew u l-Kumitat tar-Reġjuni — tlesta, hekk kif ġew konklużi l-aħħar prattikalitajiet. L-2016 kienet l-ewwel sena meta s-Servizz ta' Riċerka għall-Membri kien kompletament operattiv f'termini tal-korp tal-persunal tiegħu.</p>
DG PERS Personal	<p>Il-Grupp ta' Ħidma "Screening" maħluq f'Diċembru 2014 fi ħdan id-DG għall-Persunal sabiex l-organizzazzjoni tal-ħidma ssir aktar effiċjenti ħareġ ir-rapport finali tiegħu fl-2016.</p> <p>Matul is-sena, inħatar Direttur ġdid għall-Iżvilupp tar-Riżorsi Umani u Direttur ġdid għall-Ġestjoni tas-Servizzi ta' Sostenn u Soċċjali. FDicembru 2016, inħatar aġġent Direttur Ġenerali permezz ta' deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali.</p>

Direttorat Ġeneral	Ristrutturar u modernizzazzjoni
DG INLO Infrastruttura u Loġistika	<p>Fl-2016, id-DG INLO mexxa strateġija ta' riorganizzazzjoni u razzjonalizzazzjoni ta' ċerti setturi relatati mal-missionijiet tiegħu billi għamel użu ottimali tar-riżorsi tiegħu. B'mod partikolari, dan issarraf fil-ħolqien ta' servizz ta' assistenza għall-manutenzjoni fid-Direttorat għall-Infrastruttura, ir-ristrutturar tal-Unità tas-Sostenn Ċentrali fid-Direttorat għar-Riżorsi u r-ristrutturar komprezziv tal-Unità tal-Allokazzjoni tal-Uffiċċċi u l-Ġarr, fejn inħolqu żewġ servizzi ġodda. L-Unità ta' One-Stop Shop għall-Membri għiet trasferita f'Ottubru 2016 taħt ir-responsabilità diretta tad-Direttur Ġenerali.</p> <p>Inħatru żewġ gruppi ta' ħidma, bl-objettiv li joħorġu bi proposti konkreti u mmirati bil-ħsieb li jissemplifikaw il-proċessi eżistenti fid-Direttorat Ġenerali. Il-konklużjonijiet ta' dawn iż-żewġ gruppi ta' ħidma ġew ippreżentati lid-dirigenza f'Settembru 2016 u se jingħatalhom segwit u permezz ta' miżuri li se jiġu implementati gradwalment.</p>
DG INTE Interpretazzjoni u Konferenzi	<p>Kompla l-proċess ta' modernizzazzjoni tal-metodi ta' ħidma u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fid-DG INTE. Fl-2016 tnieda proċess ta' konsultazzjoni u ġew implementati diversi impenji min-naħa tad-diriġenza. B'mod partikolari, ittejbet id-disponibilità tal-uffiċjal interpreti għal inkarigi billi ġew introdotti linji gwida ġodda dwar il-liv annwali tal-uffiċjal interpreti. Barra minn hekk, għiet introdotta politika ta' "clean days", fejn kull inkarigu mhux relataż mal-interpretazzjoni tal-uffiċjal interpreti għie trasferit lejn perjodi ta' livell baxx ta' attivită parlamentari. Ġew żviluppati u implementati parametri referenzjarji ġodda għall-valutazzjoni tal-produzzjoni fil-qasam tal-interpretazzjoni min-naħa tal-unitajiet lingwistiċi differenti.</p> <p>Inħatar Direttur ġdid għall-Interpretazzjoni u l-Konferenzi.</p>
DG TRAD Traduzzjoni	Fl-2016, l-aġent Direttur Ġenerali nħatar bħala Direttur Ġenerali ġdid u nħatar Direttur ġdid għas-Sostenn u s-Servizzi Teknoloġiċi għat-Traduzzjoni.
DG FINS Finanzi	<p>It-tnedja tal-Portal għall-Membri wassal għal modifika strutturali importanti fil-livell tad-Direttorat għad-Drittijiet Finanzjarji u Soċċali tal-Membri. Il-Portal irrikjeda l-ħolqien ta' servizz iddedikat, fejn ġew impiegati sitt persuni full time, kif ukoll 13-il persuna part time frotazzjoni, misluta mit-tlet unitajiet operattivi li jissfurraw id-Direttorat. Din il-bidla strutturali rrrikjediet ukoll bidla organizazziva, minħabba d-distinzjoni bejn l-aktivitajiet ta' "front office" (akkoljenza tal-Membri, informazzjoni, lqugħ ta' talbiet) u ta' "back office" (proċessar tat-talbiet, verifikasi).</p> <p>Is-Servizz tal-Baġit u l-Verifikasi sar l-Unità tal-Baġit u l-Verifikasi, u l-kap tagħha nħatar f'Għunju 2016.</p> <p>Fl-2016 inbidel l-Uffiċċjal tal-Kontabilità tal-Parlament. Permezz ta' deċiżjoni tas-Segretarju Ġenerali, l-Uffiċċjal tal-Kontabilità l-ġdid tal-istituzzjoni assuma din il-kariga nhar l-1 ta' Ottubru 2016.</p>

Direttorat Ĝeneralis	Ristrutturar u modernizzazzjoni
DG ITEC Innovazzjoni u Sostenn Teknoloġiku	<p>Trasferiment ta' attivitajiet fi ħdan id-DG ITEC. Il-proċessi li jikkonċernaw il-Bord għall-Ġestjoni tal-Proġetti (il-Bord ta' Prospettiva ("Forward Board") għall-evalwazzjoni tal-argumenti għall-vijabilità, u s-Servizz tas-Soluzzjonijiet li għadu kif inħoloq u li jipproponi t-teknoloġija li għandha tintuża) issa qiegħdin mięgħburin fl-Unità tal-Konċejżjoni.</p> <p>L-attivitajiet relatati ma' SharePoint u l-portal Knowledge Management ġew trasferiti lejn dik l-unità ġidida mill-Unità tal-Evoluzzjoni, u l-attivitajiet relatati mar-riċerka rigward il-pakketti ta' software eżistenti, is-soluzzjonijiet fuq is-suq u l-infrastruttura rikhesta mill-Parlament ġew trasferiti mill-Unità tal-Istandards.</p> <p>L-istrutturi eżistenti fi ħdan id-Direttorat għall-Publikazzjoni u d-Distribuzzjoni (EDIT) ġew organizzati mill-ġdid. Id-Direttorat issa jinkludi fih erba' unitajiet — l-Unità tal-Klijenti, l-Instrumenti u l-Metodi, l-Unità tal-Intranet u s-Servizzi Multimedjali u l-Unità tal-Istampar f'Diversi Formati. L-objettiv ta' dawn il-bidliet kien li jiġi żgurat il-forniment ta' servizzi ta' kwalità saħansitra oħla lill-klijenti kollha tad-Direttorat.</p> <p>Apparti dan, saru bidliet organizzattivi ulterjuri matul is-sena għall-ottimizzazzjoni tal-istruttura u t-tishħiħ tal-appoġġ orizzontali tad-Direttorat għall-Innovazzjoni u r-Riżorsi matul l-2016, bil-ħolqien tal-Unità tal-Innovazzjoni, il-Prestazzjoni u l-Kontroll Intern (IPIC) il-ġidida. Is-Servizz tal-Innovazzjoni ġie trasferita lill-Unità IPIC u s-Servizz Ex Ante ġie trasferit lill-Unità tar-Riżorsi Umani ta' DG ITEC.</p> <p>Ġie implimentat servizz ġidid fl-Unità tal-Konċejżjoni (Soluzzjonijiet) b'enfasi partikolari fuq l-appoġġ għal soluzzjonijiet kollaborattivi (bħala MS SharePoint, Jahia, Confluence u l-portal Knowledge Management), kif ukoll proċedura effiċċienti għall-għażla tas-software.</p> <p>Il-ħolqien tal-Ufficijal Kap fil-qasam tas-Sigurtà Informatika fi ħdan id-DG ITEC kien approvat permezz ta' Deċiżjoni tal-Bureau tal-24 ta' Ottubru 2016. B'konsewenza ta' dan, l-Unità tal-Istandards u ż-żewġ servizzi tagħha ġew sostitwi mill-Unità tas-Sigurtà tal-ICTs (li issa tinkludi l-Ġestjoni tas-Sigurtà u s-Sigurtà Operattiva) fi ħdan l-uffiċċju tas-CISO, filwaqt li s-Servizz tal-Konfigurazzjonijiet Standard sar parti mill-Unità tal-Ġestjoni tal-Infrastrutturi.</p>
DG SAFE Sigurtà u Sikurezza	<p>F'Ġunju 2016, il-Bureau approva l-ħolqien ta' Unità tal-Protezzjoni ġidida fi ħdan id-Direttorat għall-Proximità u l-Assistenza, is-Sigurtà u s-Sikurezza. Il-proċeduri biex jinħatar Kap għal din l-unità tniedew lejn tniem l-2016.</p> <p>Id-Direttur għall-Istrateġija u r-Riżorsi kompla bħala aġent Direttur wara li nħatar Direttur Ĝeneralis.</p>

IV. LISTA TA' TABELLI U GRAFIKA

	Paġna
Tabella 1. Użu tal-appoprjazzjonijiet	4
Tabella 2. Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjoni tal-riporti awtomatiċi mill-2015 għall-2016	7
Tabella 3. Evoluzzjoni tad-dħul mill-2014 għal 2016	8
Tabella 4. Raġunijiet ewlenin għall-kanċellazzjoni ta' appoprjazzjonijiet kurrenti fl-2016	10
Tabella 5. Trasferimenti skont il-bażi ġuridika	10
Tabella 6. Analiżi tat-trasferimenti C skont il-kategorija ta' nfiq u skont l-objettiv.	11
Tabella 7. Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015	12
Tabella 8. Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 1 0	14
Tabella 9. Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 1 2	16
Tabella 10. Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 1 4	17
Tabella 11. Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 1 6	19

Paġna

Tabella 12.	Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 2 0	20
Tabella 13.	Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 2 1	21
Tabella 14.	Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 2 3	22
Tabella 15.	Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 3 0	23
Tabella 16.	Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 3 2	23
Tabella 17.	Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 4 0	25
Tabella 18.	Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015: Kapitolu 4 2	26
Tabella 19.	Sinteżi tar-ristrutturar fis-Segretarjat tal-Parlament fl-2016	41
Grafika 1.	Tqassim tal-impenji tal-2016 għal kull kapitolu	13
Grafika 2.	Evoluzzjoni tal-appoprjazzjonijiet impenjati fl-2016 meta mqabbla ma' dawk impenjati fl-2015, għal kull kapitolu	14
Grafika 3.	Il-persunal tal-Parlament imqassam skont is-sess.	17
Grafika 4.	Persunal kuntrattwali skont il-grupp ta' funzjonijiet u skont is-sess fl-2016.	18

RENDIKONT TAT-TRASFERIMENTI “C” MATUL IS-SENA FINANZJARJA 2016

ANNEX I

Nru	Għall-/Mill-Kapitolu/Artikolu/Partita	Intestatura	Deskrizzjoni tat-trasferiment/kummenti	(EUR)	Ammont kreditat fuq il-partita	Ammont debitati mill-partita
C1	mill-Kapitolu għall-Partita	10 1 2 1 6 0	RIZZERA TA' KONTINĠENZA Trasport ta' Membri, persuni oħra u ta' beni	Tisħiħ tal-miżuri ta' surġià fil-qasam tat-trasport tal-Membri		- 205 000 205 000
C3	mill-Partita għall-Partita	1 6 5 2 3 0 4 0	Nefqiet kurrenti għall-operat amministrattiv tar-ristoranti u l-kantins Nefqiet varji għal laqgħat interni	Forniment ta' rinfreski, prinċipalment ilma minerali, waqt il-lagħat uffiċjali u amministrattivi tal-Parlament		- 750 000 750 000
C4	mill-Partita mill-Partita mill-Partita għall-Partita	2 0 2 2 2 0 2 4 2 1 2 0 2 0 0 7	Manutenzjoni, żamma, operat u tindif tal-bini Konsum tal-enerġija Għamara Sistemazzjoni fil-bini	Rinfurzar u riorganizzazzjoni, abbażi ta' kunkċett ġdid tas-sigurta, tal-entrati għall-binijiet kollha tal-Parlament		- 2 600 000 - 1 500 000 - 1 400 000 5 500 000
C5	mill-Partita għall-Partita	1 0 3 0 1 0 2 0	Pensionijiet tal-irtirar (PEAM) Allowances Tranżitorji	Allowance tranżitorja addidżżonali b'segwitu għall-emenda min-naħa tal-Bureau għall-Artikolu 46 tal-Miżuri ta' Implementazzjoni tal-Istatut tal-Membri		- 230 000 230 000
C6	mill-Kapitolu għall-Partita	10 1 1 4 0 2	RIZZERA TA' KONTINĠENZA Nefqa fuq l-interpretazzjoni	Aktar spejjeż milli kien mistenni fir-rigvard tal-Partita 1 4 0 2 “Nefqa fuq l-interpretazzjoni”		- 3 300 000 3 300 000

Nru	Għall-/Mill-Kapitolu/Artikolu/Partita	Intestatura	Deskrizzjoni tat-trasferiment/kummenti	(EUR)	Ammont kreditat fuq il-partita	Ammont debitat mill-partita
C7	mill-Partita mill-Kapitolu	1 0 0 4 10 1	Spejeż għall-viġġi regolari RIZZERA TA' KONTINĠENZA	Inpatt tal-aġġornament tas-salariji u l-pensjonijiet fl-2016 li kien oħla milli kien mistenni	- 1 420 000	- 1 750 000
għall-Partita	1 0 0 0	Salarji			1 420 000	
għall-Partita	1 0 3 1	Pensjonijiet tad-diżabilità (PEAM)			30 000	
għall-Partita	1 2 0 0	Remunerazzjoni u allowances			1 500 000	
għall-Partita	1 4 0 2	Nefqa fuq l-interpretazzjoni			220 000	
C8 (ta' thaqqit)	mill-Kapitolu 1 0	MEMBRI TAL-ISTITUZZJONI	Jikkorrispondi għal 4,3 % tal-appropriazzjonijiet inizjali talk-kapitolu.	- 9 261 336		
mill-Kapitolu	1 2	UFFIċJALI U PERSUNAL TEMPORANJU	Jikkorrispondi għal 0,1 % tal-appropriazzjonijiet inizjali tal-kapitolu.	- 340 000		
mill-Kapitolu	1 4	PERSUNAL IEĦOR U SERVIZZI ESTERNI	Jikkorrispondi għal 2,0 % tal-appropriazzjonijiet inizjali tal-kapitolu.	- 2 550 000		
mill-Kapitolu	1 6	INFIQ IEĦOR RELATAT MAL-PERSUNI LI JAĦDMIU FL-ISTITUZZJONI	Jikkorrispondi għal 11,1 % tal-appropriazzjonijiet inizjali tal-kapitolu.	- 1 965 299		
mill-Kapitolu	2 0	BINI U NEFQIET RELATATI	Jikkorrispondi għal 5,7 % tal-appropriazzjonijiet inizjali tal-kapitolu.	- 12 080 405		
